ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 133

Edizzjoni bil-Malti Leġiżlazzjoni

Volum 50
25 ta' Mejju 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 561/2007 ta' l-24 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ...................... 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 562/2007 ta' l-24 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib .......................................... 3

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 563/2007 ta' l-24 ta' Mejju 2007 li jiddefinixxi r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għaz-zokkor abjad u għaz-zokkor mhux ipproċessat esportat fl-istat naturali tiegħu 7

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 564/2007 ta' l-24 ta' Mejju 2007 li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta mir-Regolament (KE) Nru 958/2006 ................................................................. 9

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 565/2007 ta' l-24 ta' Mejju 2007 li jiddefinixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni tal-ġuleppijiet u ċerti prodotti oħra fis-settur taz-zokkor esportati fl-istat naturali tagħhom ........................................................................................... 10

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 566/2007 ta' l-24 ta' Mejju 2007 li jneħħi lir-Repubblika taċ-Ċili mil-lista ta' pajjiżi benefikanti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati** .......................................... 12

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 567/2007 ta' l-24 ta' Mejju 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 297/2003 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwota tariffarja fuq iċ-ċanga u l-vitella li joriġinaw fiċ-Ċili** ........................................................... 13

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 568/2007 ta' l-24 ta' Mejju 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 996/97 dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni tal-kwota ta' tariffa ta' l-importazzjoni għal falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0206 29 91** ................. 15

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

Atti b'titoli b'tipa ċara huma dawk relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' l-affarijiet agrikulturali u huma ġeneralment validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma b'tipa skura u preċeduti minn asterisk.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 569/2007 ta' l-24 ta' Mejju 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 210/2007 li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1282/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mat-terminu tal-validità tal-liċenzji għall-esportazzjoni li jistipulaw minn qabel ir-rifużjoni applikabbli fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib** ..... 17

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 570/2007 ta' l-24 ta' Mejju 2007 li jistipula r-rati ta' rifużjoni applikabbli għal ċerti prodotti tal-ħalib esportati bħala merkanzija mhux koperta mill-Anness I tat-Trattat ..... 18

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 571/2007 ta' l-24 ta' Mejju 2007 li jistipula r-rati ta' rifużjonijiet applikabbli għal ċertu prodotti mis-settur taz-zokkor esportati bħala prodotti mhux koperti minn Anness I tat-Trattat ..... 21

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 572/2007 ta' l-24 ta' Mejju 2007 li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta mir-Regolament (KE) Nru 38/2007 ..... 23

---

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kummissjoni**

2007/353/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Marzu 2006 li tistqarr li konċentrazzjoni hija kompatibbli mas-suq komuni u mal-ħidma tal-Ftehim taż-ŻEE. (Każ COMP/M.3868 – Dong/Elsam/Energi E2)** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2006) 793)* ([1]) ..... 24

2007/354/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Mejju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-*bluetongue*** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2090)* ([1]) ..... 37

2007/355/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Mejju 2007 dwar in-non-inklużjoni tal-carbaryl fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2093)* ([1]) ..... 40

2007/356/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Mejju 2007 dwar in-non-inklużjoni ta' *trichlorfon* fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2096)* ([1]) ..... 42

2007/357/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-*bluetongue*** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2091)* ([1]) ..... 44

---

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*Avviż lill-qarrejja (ara paġna 3 tal-qoxra)*

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

2007/358/CFSP:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUPT/1/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni eventwalment possibbli ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u f'oqsma f'oħra possibbli fil-Kosovo** ..... 49

★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/359/PESK tat-23 ta' Mejju 2007 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)** ..... 51

MT

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 561/2007

**ta' l-24 ta' Mejju 2007**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 386/2005 (ĠU L 62, 9.3.2005, p. 3).

*ANNESS*

**tar-Regolament tal-Kummissjoni ta' l-24 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 39,1 |
| | TR | 106,0 |
| | ZZ | 72,6 |
| 0707 00 05 | JO | 151,2 |
| | TR | 125,7 |
| | ZZ | 138,5 |
| 0709 90 70 | TR | 89,2 |
| | ZZ | 89,2 |
| 0805 10 20 | EG | 35,8 |
| | IL | 43,8 |
| | MA | 43,5 |
| | ZZ | 41,0 |
| 0805 50 10 | AR | 51,6 |
| | ZA | 67,6 |
| | ZZ | 59,6 |
| 0808 10 80 | AR | 101,2 |
| | BR | 79,1 |
| | CL | 78,0 |
| | CN | 97,3 |
| | NZ | 112,0 |
| | US | 132,3 |
| | UY | 73,3 |
| | ZA | 90,3 |
| | ZZ | 95,4 |
| 0809 20 95 | TR | 589,4 |
| | ZZ | 589,4 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 562/2007

## ta' l-24 ta' Mejju 2007

## li jistabbilixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ([1]), u partikolarment l-Artikolu 31(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 jipprevedi li d-differenza bejn il-prezzijiet tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament fis-suq dinji u dak tal-Komunità jistgħu jiġu koperti minn rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.

(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, għandhom ikunu stabbiliti r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni skond ir-regoli u l-kriterji previsti mill-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999.

(3) L-Artikolu 31(3), it-tieni inċiż tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 jippevedi li r-rifużjoni tista' tvarja skond id-destinazzjonijiet, fejn dan ikun meħtieġ minħabba s-sitwazzjoni tas-suq dinji jew ir-rekwiżiti speċifiċi.

(4) Skond il-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubbblika Dominikana rigward il-protezzjoni fuq l-importazzjoni tal-ħalib tat-trab fir-Repubblika Dominikana ([2]) approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/486/KE ([3]), ċerta kwantità ta' prodotti tal-ħalib Komunitarji esportati lejn ir-Repubblika Dominikana jistgħu jibbenefikaw minn tnaqqis tad-dazji doganali. B'hekk, ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni mogħtija lill-prodotti esportati skond din l-iskema għandhom jitnaqqsu b'ċertu perċentwal.

(5) Il-Kumitat ta' Ġestjoni tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib għadu ma ħariġx opinjoni fiż-żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rifużjonijiet għall-esportazzjoni previsti mill-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 jingħataw għall-prodotti u bl-ammonti indikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, bil-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 174/1999 ([4]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

([2]) ĠU L 218, 6.8.1998, p. 46.

([3]) ĠU L 218, 6.8.1998, p. 45.

([4]) ĠU L 234, 29.8.2006, p. 4. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1919/2006 (ĠU L 380, 28.12.2006, p. 1).

*ANNESS*

**Rifużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib mill-25 ta' Mejju 2007**

| Kodiċi tal-prodott | Destinazzjoni | Unità ta' kejl | Ammont tar-rifużjonijiet |
|---|---|---|---|
| 0401 30 31 9100 | L20 | EUR/100 kg | 9,35 |
| 0401 30 31 9400 | L20 | EUR/100 kg | 14,60 |
| 0401 30 31 9700 | L20 | EUR/100 kg | 16,11 |
| 0401 30 39 9100 | L20 | EUR/100 kg | 9,35 |
| 0401 30 39 9400 | L20 | EUR/100 kg | 14,60 |
| 0401 30 39 9700 | L20 | EUR/100 kg | 16,11 |
| 0401 30 91 9100 | L20 | EUR/100 kg | 18,37 |
| 0401 30 99 9100 | L20 | EUR/100 kg | 18,37 |
| 0401 30 99 9500 | L20 | EUR/100 kg | 26,99 |
| 0402 10 11 9000 | L20 (1) | EUR/100 kg | — |
| 0402 10 19 9000 | L20 (1) | EUR/100 kg | — |
| 0402 10 99 9000 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 11 9200 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 11 9300 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 11 9500 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 11 9900 | L20 (1) | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 17 9000 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 19 9300 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 19 9500 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 19 9900 | L20 (1) | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 91 9100 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 91 9200 | L20 (1) | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 91 9350 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 99 9100 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 99 9200 | L20 (1) | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 99 9300 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 99 9400 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 99 9500 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 99 9600 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 21 99 9700 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 29 15 9200 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 29 15 9300 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 29 15 9500 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 29 19 9300 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 29 19 9500 | L20 | EUR/100 kg | — |

| Kodiċi tal-prodott | Destinazzjoni | Unità ta' kejl | Ammont tar-rifużjonijiet |
|---|---|---|---|
| 0402 29 19 9900 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 29 99 9100 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 29 99 9500 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 91 11 9370 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 91 19 9370 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 91 31 9300 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 91 39 9300 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 91 99 9000 | L20 | EUR/100 kg | 11,29 |
| 0402 99 11 9350 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 99 19 9350 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0402 99 31 9300 | L20 | EUR/100 kg | 6,76 |
| 0403 90 11 9000 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0403 90 13 9200 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0403 90 13 9300 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0403 90 13 9500 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0403 90 13 9900 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0403 90 33 9400 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0403 90 59 9310 | L20 | EUR/100 kg | 9,35 |
| 0403 90 59 9340 | L20 | EUR/100 kg | 13,68 |
| 0403 90 59 9370 | L20 | EUR/100 kg | 13,68 |
| 0404 90 21 9120 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0404 90 21 9160 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0404 90 23 9120 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0404 90 23 9130 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0404 90 23 9140 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0404 90 23 9150 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0404 90 81 9100 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0404 90 83 9110 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0404 90 83 9130 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0404 90 83 9150 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0404 90 83 9170 | L20 | EUR/100 kg | — |
| 0405 10 11 9500 | L20 | EUR/100 kg | 49,00 |
| 0405 10 11 9700 | L20 | EUR/100 kg | 50,00 |

| Kodiċi tal-prodott | Destinazzjoni | Unità ta' kejl | Ammont tar-rifużjonijiet |
|---|---|---|---|
| 0405 10 19 9500 | L20 | EUR/100 kg | 49,00 |
| 0405 10 19 9700 | L20 | EUR/100 kg | 50,00 |
| 0405 10 30 9100 | L20 | EUR/100 kg | 49,00 |
| 0405 10 30 9300 | L20 | EUR/100 kg | 50,00 |
| 0405 10 30 9700 | L20 | EUR/100 kg | 50,00 |
| 0405 10 50 9500 | L20 | EUR/100 kg | 48,79 |
| 0405 10 50 9700 | L20 | EUR/100 kg | 50,00 |
| 0405 10 90 9000 | L20 | EUR/100 kg | 51,85 |
| 0405 20 90 9500 | L20 | EUR/100 kg | 45,74 |
| 0405 20 90 9700 | L20 | EUR/100 kg | 47,57 |
| 0405 90 10 9000 | L20 | EUR/100 kg | 62,39 |
| 0405 90 90 9000 | L20 | EUR/100 kg | 49,89 |
| 0406 10 20 9640 | L04 | EUR/100 kg | 13,02 |
| | L40 | EUR/100 kg | 16,28 |
| 0406 10 20 9650 | L04 | EUR/100 kg | 10,85 |
| | L40 | EUR/100 kg | 13,56 |
| 0406 10 20 9830 | L04 | EUR/100 kg | 4,03 |
| | L40 | EUR/100 kg | 5,03 |
| 0406 10 20 9850 | L04 | EUR/100 kg | 4,88 |
| | L40 | EUR/100 kg | 6,10 |
| 0406 20 90 9913 | L04 | EUR/100 kg | 9,67 |
| | L40 | EUR/100 kg | 12,08 |
| 0406 20 90 9915 | L04 | EUR/100 kg | 13,12 |
| | L40 | EUR/100 kg | 16,40 |
| 0406 20 90 9917 | L04 | EUR/100 kg | 13,94 |
| | L40 | EUR/100 kg | 17,43 |
| 0406 20 90 9919 | L04 | EUR/100 kg | 15,57 |
| | L40 | EUR/100 kg | 19,48 |
| 0406 30 31 9730 | L04 | EUR/100 kg | 1,74 |
| | L40 | EUR/100 kg | 4,07 |
| 0406 30 31 9930 | L04 | EUR/100 kg | 1,74 |
| | L40 | EUR/100 kg | 4,07 |
| 0406 30 31 9950 | L04 | EUR/100 kg | 2,52 |
| | L40 | EUR/100 kg | 5,93 |

| Kodiċi tal-prodott | Destinazzjoni | Unità ta' kejl | Ammont tar-rifużjonijiet |
|---|---|---|---|
| 0406 30 39 9500 | L04 | EUR/100 kg | 1,74 |
| | L40 | EUR/100 kg | 4,07 |
| 0406 30 39 9700 | L04 | EUR/100 kg | 2,52 |
| | L40 | EUR/100 kg | 5,93 |
| 0406 30 39 9930 | L04 | EUR/100 kg | 2,52 |
| | L40 | EUR/100 kg | 5,93 |
| 0406 30 39 9950 | L04 | EUR/100 kg | 2,86 |
| | L40 | EUR/100 kg | 6,70 |
| 0406 40 50 9000 | L04 | EUR/100 kg | 15,31 |
| | L40 | EUR/100 kg | 19,13 |
| 0406 40 90 9000 | L04 | EUR/100 kg | 15,73 |
| | L40 | EUR/100 kg | 19,66 |
| 0406 90 13 9000 | L04 | EUR/100 kg | 17,43 |
| | L40 | EUR/100 kg | 24,94 |
| 0406 90 15 9100 | L04 | EUR/100 kg | 18,02 |
| | L40 | EUR/100 kg | 25,78 |
| 0406 90 17 9100 | L04 | EUR/100 kg | 18,02 |
| | L40 | EUR/100 kg | 25,78 |
| 0406 90 21 9900 | L04 | EUR/100 kg | 17,51 |
| | L40 | EUR/100 kg | 25,00 |
| 0406 90 23 9900 | L04 | EUR/100 kg | 15,70 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,57 |
| 0406 90 25 9900 | L04 | EUR/100 kg | 15,40 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,03 |
| 0406 90 27 9900 | L04 | EUR/100 kg | 13,94 |
| | L40 | EUR/100 kg | 19,96 |
| 0406 90 32 9119 | L04 | EUR/100 kg | 12,89 |
| | L40 | EUR/100 kg | 18,48 |
| 0406 90 35 9190 | L04 | EUR/100 kg | 18,35 |
| | L40 | EUR/100 kg | 26,40 |
| 0406 90 35 9990 | L04 | EUR/100 kg | 18,35 |
| | L40 | EUR/100 kg | 26,40 |
| 0406 90 37 9000 | L04 | EUR/100 kg | 17,43 |
| | L40 | EUR/100 kg | 24,94 |
| 0406 90 61 9000 | L04 | EUR/100 kg | 19,84 |
| | L40 | EUR/100 kg | 28,71 |

| Kodiċi tal-prodott | Destinazzjoni | Unità ta' kejl | Ammont tar-rifużjonijiet |
|---|---|---|---|
| 0406 90 63 9100 | L04 | EUR/100 kg | 19,55 |
| | L40 | EUR/100 kg | 28,19 |
| 0406 90 63 9900 | L04 | EUR/100 kg | 18,79 |
| | L40 | EUR/100 kg | 27,23 |
| 0406 90 69 9910 | L04 | EUR/100 kg | 19,07 |
| | L40 | EUR/100 kg | 27,63 |
| 0406 90 73 9900 | L04 | EUR/100 kg | 16,04 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,98 |
| 0406 90 75 9900 | L04 | EUR/100 kg | 16,36 |
| | L40 | EUR/100 kg | 23,52 |
| 0406 90 76 9300 | L04 | EUR/100 kg | 14,53 |
| | L40 | EUR/100 kg | 20,79 |
| 0406 90 76 9400 | L04 | EUR/100 kg | 16,26 |
| | L40 | EUR/100 kg | 23,29 |
| 0406 90 76 9500 | L04 | EUR/100 kg | 15,06 |
| | L40 | EUR/100 kg | 21,38 |
| 0406 90 78 9100 | L04 | EUR/100 kg | 15,93 |
| | L40 | EUR/100 kg | 23,28 |
| 0406 90 78 9300 | L04 | EUR/100 kg | 15,78 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,54 |
| 0406 90 79 9900 | L04 | EUR/100 kg | 13,03 |
| | L40 | EUR/100 kg | 18,74 |
| 0406 90 81 9900 | L04 | EUR/100 kg | 16,26 |
| | L40 | EUR/100 kg | 23,29 |
| 0406 90 85 9930 | L04 | EUR/100 kg | 17,83 |
| | L40 | EUR/100 kg | 25,68 |
| 0406 90 85 9970 | L04 | EUR/100 kg | 16,36 |
| | L40 | EUR/100 kg | 23,52 |
| 0406 90 86 9200 | L04 | EUR/100 kg | 15,82 |
| | L40 | EUR/100 kg | 23,44 |
| 0406 90 86 9400 | L04 | EUR/100 kg | 16,94 |
| | L40 | EUR/100 kg | 24,78 |
| 0406 90 86 9900 | L04 | EUR/100 kg | 17,83 |
| | L40 | EUR/100 kg | 25,68 |
| 0406 90 87 9300 | L04 | EUR/100 kg | 14,73 |
| | L40 | EUR/100 kg | 21,76 |
| 0406 90 87 9400 | L04 | EUR/100 kg | 15,04 |
| | L40 | EUR/100 kg | 21,98 |
| 0406 90 87 9951 | L04 | EUR/100 kg | 15,98 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,87 |
| 0406 90 87 9971 | L04 | EUR/100 kg | 15,98 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,87 |
| 0406 90 87 9973 | L04 | EUR/100 kg | 15,68 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,46 |
| 0406 90 87 9974 | L04 | EUR/100 kg | 16,80 |
| | L40 | EUR/100 kg | 23,94 |
| 0406 90 87 9975 | L04 | EUR/100 kg | 16,66 |
| | L40 | EUR/100 kg | 23,55 |
| 0406 90 87 9979 | L04 | EUR/100 kg | 15,70 |
| | L40 | EUR/100 kg | 22,57 |
| 0406 90 88 9300 | L04 | EUR/100 kg | 13,00 |
| | L40 | EUR/100 kg | 19,15 |
| 0406 90 88 9500 | L04 | EUR/100 kg | 13,41 |
| | L40 | EUR/100 kg | 19,16 |

(1) Għall-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni lejn ir-Repubblika Dominikana skond il-kwota 2006/2007 stabbilita fid-Deċiżjoni 98/486/KE skond il-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 20a tar-Regolament (KE) Nru 174/1999, għandhom japplikaw dawn ir-rati:

(a) prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0402 10 11 9000 u 0402 10 19 9000 — 0,00 EUR/100 kg

(b) prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0402 21 11 9900, 0402 21 19 9900, 0402 21 91 9200 u 0402 21 99 9200 — 0,00 EUR/100 kg

Id-destinazzjonijiet huma definiti kif ġej:

L20: Id-destinazzjonijiet kollha, għajr: Andorra, Ġibiltà, Ceuta, Melilla, is-Santa Sede (Stat tal-Belt tal-Vatikan), l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Bulgarija, ir-Rumanija u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.

L04: L-Albanija, il-Bożnja u Ħerzegovina, il-Kosovo, is-Serbja, il-Montenegro, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

L40: Id-destinazzjonijiet kollha, għajr: L04, Andorra, Ġibiltà, Ceuta, Melilla, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Iżvizzera, is-Santa Sede (Stat tal-Belt tal-Vatikan), l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Kroazja, it-Turkija, l-Awstralja, il-Kanada, New Zealand u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 563/2007**

**ta' l-24 ta' Mejju 2007**

**li jiddefinixxi r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għaz-zokkor abjad u għaz-zokkor mhux ipproċessat esportat fl-istat naturali tiegħu**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 fuq organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2), it-tieni inċiż, tiegħu;

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, id-differenza bejn il-prezzijiet għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament imsemmi fis-suq dinji u f'dak tal-Komunità tista' tiġi koperta b'rifużjoni ta' l-esportazzjoni.

(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq fis-settur taz-zokkor, jeħtieġ li jiġu definiti rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni, f'konformità mar-regoli u ma' ċerti kriterji pprovduti fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

(3) L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jipprovdi li r-rifużjonijiet jistgħu jkunu differenti skond id-destinazzjonijiet, meta dan ikun iġġustifikat mill-qagħda tas-suq dinji jew mill-esiġenzi speċifiċi ta' ċerti swieq.

(4) Jistgħu jingħataw rifużjonijiet biss fuq prodotti li jkunu awtorizzati għall-moviment ħieles fil-Komunità u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti li jgawdu minn rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni pprovduti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 u l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet huma definiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 247/2007 (ĠU L 69, 9.3.2007, p. 3).

*ANNESS*

**Rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għaz-zokkor abjad u għaz-zokkor mhux ipproċessat esportat fl-istat naturali tiegħu, applikabbli mill-25 ta' Mejju 2007** ([a])

| Il-kodiċi tal-prodott | Id-destinazzjoni | L-unità tal-kejl | L-ammont tar-rifużjoni |
|---|---|---|---|
| 1701 11 90 9100 | S00 | EUR/100 kg | 28,41 ([1]) |
| 1701 11 90 9910 | S00 | EUR/100 kg | 28,41 ([1]) |
| 1701 12 90 9100 | S00 | EUR/100 kg | 28,41 ([1]) |
| 1701 12 90 9910 | S00 | EUR/100 kg | 28,41 ([1]) |
| 1701 91 00 9000 | S00 | EUR/1 % ta' sakkarożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,3089 |
| 1701 99 10 9100 | S00 | EUR/100 kg | 30,89 |
| 1701 99 10 9910 | S00 | EUR/100 kg | 30,89 |
| 1701 99 10 9950 | S00 | EUR/100 kg | 30,89 |
| 1701 99 90 9100 | S00 | EUR/1 % ta' sakkarożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,3089 |

*NB*: Id-destinazzjonijiet huma definiti kif ġej:

S00: Id-destinazzjonijiet kollha, għajr l-Albanija, il-Kroazja, il-Bożnja u Ħerzegovina, is-Serbja, il-Montenegro, il-Kosovo, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, Andorra, Ġibiltà, Ceuta, Melilla, is-Santa Sede (il-belt tal-Vatikan), Liechtenstein il-Komuni ta' Livigno u Campione fl-Italja, Heligoland, Greenland, il-Gżejjer Faroe u l-partijiet tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll.

([a]) Ir-rati definiti f'dan l-Anness mhumiex applikabbli mill-1 ta' Frar 2005, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/45/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-konklużjoni u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli proċessati (ĠU L 23, 26.1.2005, p. 17).

([1]) Dan l-ammont huwa applikabbli għaz-zokkor mhux ipproċessat b'rendiment ta' 92 %. Jekk ir-rendiment taz-zokkor mhux ipproċessat ma jibqax ta' 92 %, għal kull operazzjoni ta' esportazzjoni kkonċernata, l-ammont tar-rifużjoni applikabbli jiġi mmultiplikat b'fattur ta' konverżjoni li jinkiseb billi jiġi diviż b'92 ir-rendimant taz-zokkor esportat, ikkalkulat skond il-punt III, il-paragrafu 3, ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 564/2007

## ta' l-24 ta' Mejju 2007

## li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta mir-Regolament (KE) Nru 958/2006

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 fuq organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2), it-tieni subparagrafu, u t-tielet subparagrafu, punt b) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 958/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 dwar sejħa miftuħa permanenti għall-offerti għas-sena tas-suq 2006/2007 għad-determinazzjoni ta' rifużjonijiet għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad ([2]) jirrikjedi li jsiru sejħiet għall-offerti parzjali.

(2) F'konformità ma' l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 958/2006, u wara eżami ta' l-offerti mressqa b'risposta għas-sejħa għall-offerti parzjali li tintemm fl-24 ta' Mejju 2007, jeħtieġ li jiġi ffissat ammont massimu għar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għas-sejħa għall-offerti parzjali kkonċernata.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għas-sejħa għall-offerti parzjali li tintemm fl-24 ta' Mejju 2007, l-ammont massimu tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għall-prodott imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 958/2006 huwa ffissat għal 35,885 EUR/100 kg.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 247/2007 (ĠU L 69, 9.3.2007, p. 3).

([2]) ĠU L 175, 29.6.2006, p. 49. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 203/2007 (ĠU L 61, 28.2.2007, p. 3).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 565/2007

## ta' l-24 ta' Mejju 2007

## li jiddefinixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni tal-ġuleppijiet u ċerti prodotti oħra fis-settur taz-zokkor esportati fl-istat naturali tagħhom

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2), it-tieni inċiż tiegħu;

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, id-differenza bejn il-prezzijiet, għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(c)(d) u (g) ta' l-imsemmi Regolament, tas-suq dinji u dak Komunitarju tista' tiġi koperta b'rifużjoni għall-esportazzjoni.

(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq fis-settur taz-zokkor, jeħtieġ li jiġu definiti r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni, b'konformità mar-regoli u ma' ċerti kriterji stipulati fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

(3) L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jipprovdi li r-rifużjonijiet jistgħu jkunu differenti skond id-destinazzjonijiet, meta dan ikun iġġustifikat minħabba l-qagħda tas-suq dinji jew il-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti swieq.

(4) Ir-rifużjonijiet jistgħu jingħataw biss fir-rigward tal-prodotti awtorizzati li jiċċirkolaw b'mod ħieles fil-Komunità u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ fis-settur taz-zokkor ma' pajjiżi terzi ([2]).

(5) In-negozjati fil-qafas ta' l-arranġamenti Ewropej bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija u l-Bulgarija għandhom l-għan partikolari li jilliberalizzaw il-kummerċ tal-prodotti rregolati mill-organizzazzjoni komuni tas-suq ikkonċernat. Jeħtieġ għalhekk li jitneħħew ir-rifużjonijiet għall-esportazzjoni għal dawn iż-żewġ pajjiżi.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-prodotti li jgawdu mir-rifużjonijiet għall-esportazzjoni pprovduti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 u l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet huma speċifikati fl-Anness għal dan ir-Regolament, peress li jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Sabiex il-prodotti jkunu eleġibbli għal rifużjoni skond il-paragrafu 1, iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti, stipulati fl-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu, u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament hekk kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 247/2007 (ĠU L 69, 9.3.2007, p. 3).

([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2031/2006 (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 43).

*ANNESS*

**Rifużjonijiet għall-esportazzjoni fuq il-ġuleppijiet u ċerti prodotti oħra fis-settur taz-zokkor esportati fl-istat naturali tagħhom mill-25 ta' Mejju 2007** ([a])

| Il-kodiċi tal-prodott | Id-destinazzjoni | L-unità tal-kejl | L-ammont tar-rifużjoni |
|---|---|---|---|
| 1702 40 10 9100 | S00 | EUR/100 kg ta' sustanza niexfa | 30,89 |
| 1702 60 10 9000 | S00 | EUR/100 kg ta' sustanza niexfa | 30,89 |
| 1702 60 95 9000 | S00 | EUR/1 % ta' sukrożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,3089 |
| 1702 90 30 9000 | S00 | EUR/100 kg ta' sustanza niexfa | 30,89 |
| 1702 90 60 9000 | S00 | EUR/1 % ta' sukrożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,3089 |
| 1702 90 71 9000 | S00 | EUR/1 % ta' sukrożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,3089 |
| 1702 90 99 9900 | S00 | EUR/1 % ta' sukrożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,3089 ([1]) |
| 2106 90 30 9000 | S00 | EUR/100 kg ta' sustanza niexfa | 30,89 |
| 2106 90 59 9000 | S00 | EUR/1 % ta' sukrożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,3089 |

*NB*: Id-destinazzjonijiet huma definiti kif ġej:

S00: Id-destinazzjonijiet kollha, għajr l-Albanija, il-Kroazja, il-Bożnja u Ħerzegovina, Montenegro, is-Serbja, il-Kososvo, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, Andorra, Ġibiltà, Ceuta, Melilla, is-Santa Sede (il-belt tal-Vatikan), Liechtenstein, il-Komuni ta' Livigno u Campione fl-Italja, Heligoland, Greenland, il-Gżejjer Faroe u l-partijiet tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll.

([a]) Ir-rati definiti f'dan l-Anness mhumiex applikabbli mill-1 ta' Frar 2005, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/45/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-konklużjoni u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli proċessati (ĠU L 23, 26.1.2005, p. 17).

([1]) Is-somma bażika ma tapplikax għall-prodott definit fit-2 punt ta' l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3513/92 (ĠU L 355, 5.12.1992, p. 12).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 566/2007

## ta' l-24 ta' Mejju 2007

## li jneħħi lir-Repubblika taċ-Ċilì mil-lista ta' pajjiżi benefikanti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Repubblika taċ-Ċilì hija inkluża fil-lista ta' pajjiżi benefikanti ta' l-iskema Komunitarja ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati, stipolata fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 980/2005.

(2) L-inkorporazzjoni, fil-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, tal-preferenzi tariffarji kollha mogħtija liċ-Ċilì skond l-iskema Komunitarja tal-preferenzi tariffarji ġeneralizzati tlestiet bil-konsolidazzjoni li nġiebet fis-seħħ mid-Deċiżjoni Nru 2/2006 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' l-UE-Iċ-Ċilì tas-16 ta' Ottubru 2006 dwar l-emendament ta' l-Anness I tal-Ftehim [2].

(3) L-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 980/2005 jipprevedi għat-tneħħija ta' pajjiż minn fuq lista ta' pajjiżi benefikanti fl-Anness I tiegħu, meta dan jibbenefika minn ftehim kummerċjali potenzjali mal-Komunità li jkopri ta' l-anqas waħda mill-preferenzi previsti minn dik l-iskema għal dak il-pajjiż.

(4) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 980/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika taċ-Ċilì hija eskluża mil-lista ta' pajjiżi benefikanti ta' l-iskema Komunitarja ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati, stipolata fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 980/2005.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Peter MANDELSON
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1.
[2] ĠU L 322, 22.11.2006, p. 5. Deċiżjoni 2006/792/KE.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 567/2007

## ta' l-24 ta' Mejju 2007

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 297/2003 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwota tariffarja fuq iċ-ċanga u l-vitella li joriġinaw fiċ-Ċili

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 297/2003 [2] jipprevedi l-ftuħ u l-amministrazzjoni, fuq bażi multiannwali, ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti taċ-ċanga u tal-vitella.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistipula regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli mmaniġġjati permezz ta' sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni [3], japplika għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għall-perjodi tal-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni li jibdew mill-1 ta' Jannar 2007. Dak ir-Regolament jillimita l-perjodu tal-validità tal-liċenzji sa l-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 għandhom japplikaw, mill-1 ta' Lulju 2007, għal-liċenzji ta' l-importazzjoni maħruġa f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 297/2003, mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet addizzjonali stipulati f'dak ir-Regolament. Jeħtieġ li, kulfejn dan ikun f'loku, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 297/2003 jinġiebu f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

(3) Uħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 297/2003 rigward perjodu fl-imgħoddi tal-kwoti tariffarji ta' l-importazzjoni, m'għadhomx jgħoddu. Għal raġunijiet ta' ċarezza, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jitħassru.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 297/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 297/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, għandu jitħassar il-paragrafu (2).

(2) L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 1445/95, ir-Regolament (KE) Nru 1291/2000 u l-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2003 (*) għandhom japplikaw ħlief fejn hemm previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13."

(3) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom jagħtu lok għal obbligu ta' importazzjoni minn pajjiżi speċifiċi. Is-Sezzjoni 8 ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji u l-liċenzji għandhom juru l-pajjiż ta' l-oriġini u l-kaxxa li tindika l-kelma 'iva' għandha tkun immarkata b'salib."

(4) Fl-Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"L-oriġinal taċ-ċertifikat ta' l-awtentiċità u kopja tiegħu ċċertifikata kif xieraq għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-awtorità kompetenti') fiż-żmien li ssir l-applikazzjoni inizjali għal liċenzja ta' l-importazzjoni konnessa maċ-ċertifikat ta' l-awtentiċità."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2007.

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
[2] ĠU L 43, 18.2.2003, p. 26. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1965/2006 (ĠU L 408, 30.12.2006, p. 26).
[3] ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 568/2007

## ta' l-24 ta' Mejju 2007

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 996/97 dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni tal-kwota ta' tariffa ta' l-importazzjoni għal falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0206 29 91

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 996/97 ([2]) dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni tal-kwota ta' tariffa ta' importazzjoni għal falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0206 29 91

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi r-regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ġestiti permezz ta' sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni ([3]) japplika għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għall-perjodi tal-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni li jibdew mill-1 ta' Jannar 2007.

(3) Għall-kwantitajiet li joriġinaw minn u li jiġu mill-Arġentina, kif imsemmi fl-Artikolu 1(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 996/97, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 għandu japplika, mill-1 ta' Lulju 2007, għal-liċenzji ta' l-importazzjoni maħruġa skond ir-Regolament (KE) Nru 996/97, mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet addizzjonali stipulati f'dak ir-Regolament.

(4) Għall-kwantitajiet li joriġinaw minn u li jiġu minn pajjiżi terzi minbarra l-Arġentina, kif imsemmi fl-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 996/97, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 dwar l-applikazzjonijiet ta' liċenzji għall-importazzjoni, l-istatus ta' l-applikanti u tal-ħruġ tal-liċenzji għandhom japplikaw. Il-Kapitoli I u II tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 għandhom għalhekk japplikaw għal-liċenzji ta' l-importazzjoni maħruġa f'konformità mar-Regolament Nru 996/97, mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet addizzjonali stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(5) Jeħtieġ li, kulfejn dan ikun adegwat, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 996/97 jinġiebu f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1301/2006. Dak ir-Regolament, b'mod partikolari, jillimita l-perjodu tal-validità tal-liċenzji sa l-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 996/97 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 996/97 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-kwota Komunitarja ta' tariffa ta' l-importazzjoni għal falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0206 29 91 hija hawnhekk miftuħa kull sena għal volum annwali ta' 1 500 tunnellati għall-perjodi mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, minn hawn 'il quddiem 'il-perjodu tal-kwota ta' tariffa ta' l-importazzjoni'.

In-numru ta' l-ordni tal-kwota għandu jkun 09.4020."

---

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
([2]) ĠU L 144, 4.6.1997, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1965/2006 (ĠU L 408, 30.12.2006, p. 26).
([3]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).

(b) għandu jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Għall-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 3(a) ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1445/95, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 (*) u l-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1301/2006 (**), għajr fejn dan ir-Regolament jipprovdi mod ieħor.

Għall-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 3(b) ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 1445/95, (KE) Nru 1291/2000 u (KE) 1301/2006, għajr fejn dan ir-Regolament jipprovdi mod ieħor.

(*) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1.
(**) OJ L 238, 1.9.2006, p. 13."

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa mħassar:

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) fis-sezzjoni 8, il-pajjiż ta' l-oriġini u, għall-importazzjoni tal-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3)(a), għandha tiġi mmarkata il-kaxxa 'iva';"

(c) it-3 paragrafu huwa mħassar.

(3) Fl-Artikolu 5 (2), jitħassar it-tieni subparagrafu.

(4) L-Artikolu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

Sabiex jikkwalifika għall-arranġamenti ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(3)(b), l-applikazzjoni tal-liċenzja mressqa mill-applikant tista' tirrelata sa massimu ta' 80 tunnellata."

(5) L-Artikolu 8 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji msemmija fl-Artikolu 7 jistgħu jitressqu biss matul l-ewwel għaxart ijiem ta' kull perjodu tal-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni.

2. Sa mhux aktar tard mill-16:00, ħin ta' Brussell, fis-seba' ġurnata ta' ħidma wara d-data ta' l-għeluq għat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantità totali għal kull pajjiż ta' l-oriġini koperta mill-applikazzjonijiet.

3. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom jinħarġu mis-seba' u mhux aktar tard mis-sittax-il ġurnata ta' ħidma wara l-aħħar tal-perjodu għan-notifiki msemmija fil-paragrafu 2."

(6) L-Artikolu 9 jitħassar.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 569/2007

## ta' l-24 ta' Mejju 2007

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 210/2007 li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1282/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mat-terminu tal-validità tal-liċenzji għall-esportazzjoni li jistipulaw minn qabel ir-rifużjoni applikabbli fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ([1]), u partikolarment l-Artikolu 31(14) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 tas-17 ta' Awwissu 2006, jistipula regoli dettaljati partikolari għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 f'dak li għandu x'jaqsam mal-liċenzji għall-esportazzjoni u mar-rifużjonijiet fil-każ tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ([2]), kif ukoll jistipula t-terminu tal-validità għal-liċenzji ta' l-esportazzjoni.

(2) Bħala miżura ta' prekawzjoni, biex il-baġit Komunitarju jitħares minn infiq żejjed u biex tkun evitata l-applikazzjoni spekulattiva tas-sistema għar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 210/2007 ([3]) jipprovdi, b'deroga mir-Regolament (KE) Nru 1281/2006, li t-terminu tal-validità għal-liċenzji ta' l-esportazzjoni għall-prodotti tal-ħalib, li għalihom tressqet applikazzjoni mill-1 ta' Marzu 2007, għandu jkun limitat għat-30 ta' Ġunju 2007.

(3) Ħarsa mill-qrib lejn is-suq intern u dak dinji turi li perijodu itwal ta' validità tal-liċenzji, jista' jiġi stabbilit mill-ġdid u progressivament mingħajr ir-riskju ta' telfien fl-istabbilizzazzjoni tal-funzjonament tajjeb ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq. Jeħtieġ għalhekk li r-Regolament (KE) Nru 210/2007 jiġi emendat.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 210/2007 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006, it-terminu tal-validità għal-liċenzji ta' l-esportazzjoni, li jistipulaw minn qabel ir-rifużjoni applikabbli u li għalihom titressaq applikazzjoni sa l-14 ta' Ġunju 2007 għall-prodotti msemmija fil-punt (ċ) ta' dak l-Artikolu, għandu jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2007."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-25 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
([2]) ĠU L 234, 29.8.2006, p. 4. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 532/2007 (ĠU L 125, 15.5.2007, p. 7).
([3]) ĠU L 61, 28.2.2007, p. 23.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 570/2007**

**ta' l-24 ta' Mejju 2007**

**li jistipula r-rati ta' rifużjoni applikabbli għal ċerti prodotti tal-ħalib esportati bħala merkanzija mhux koperta mill-Anness I tat-Trattat**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [1], u partikolarment l-Artikolu 31(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 jipprovdi li d-differenza bejn prezzijiet fin-negozju internazzjonali għall-prodotti mniżżlin fl-Artikolu 1(a), (b), (ċ), (d), (e), u (g) ta' dak ir-Regolament u prezzijiet fi ħdan il-Komunità jistgħu jiġu koperti b'rifużjoni ta' esportazzjoni.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2005 tat-30 Ġunju 2005 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 dwar is-sistema ta' l-għoti tar-rifużjonijiet ta' esportazzjoni fuq ċerti prodotti agrikoli bħala merkanzija mhux koperta mill-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji għall-istipular ta' ammonti ta' rifużjonijiet [2] bħal dawn, tispeċifika l-prodotti li għalihom ir-rata ta' rifużjoni għandha tiġi stabbilita, li tapplika fejn dawn il-prodotti huma esportati bħala merkanzija mniżżla fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999.

(3) Skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005, ir-rata ta' rifużjoni għal kull 100 kilogramma għal kull prodott bażiku msemmi hawnhekk għandha tiġi stipulata kull xahar.

(4) Minkejja dan, fil-każ ta' ċerti prodotti tal-ħalib esportati bħala merkanzija mhux koperta mill-Anness I tat-Trattat, hemm periklu li, jekk rati ta' rifużjoni għolja jkunu stabbiliti minn qabel, l-impenji li ġew meħuda minħabba dawn ir-rifużjonijiet jistgħu jidħlu fil-periklu li ma jitwettqux. Sabiex jiġi evitat dan il-periklu, huwa għalhekk importanti li jittieħdu miżuri ta' prekawzjoni xierqa, però mingħajr ma jiġi konkluż minn qabel l-ebda kuntratt għal żmien twil. L-istipular ta' rati ta' rifużjoni speċifiċi għall-istipular ta' rifużjonijiet bil-quddiem għal dawk il-prodotti, għandu jwassal għat-twettiq ta' dawn iż-żewġ għanjiet.

(5) L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 jipprovdi li, meta r-rata tar-rifużjoni qiegħda tiġi stipulata, għandha tiġi kkunsidrata, fejn xieraq, il-produzzjoni ta' rifużjonijiet, għajnuniet jew miżuri oħra li jkollhom effett ekwivalenti applikabbli f'kull Stat Membru bi qbil mar-Regolament fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-prodott imsemmi għall-prodotti bażiċi mniżżlin fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 jew ta' prodotti assimilati.

(6) L-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 jipprovdi għall-ħlas ta' l-għajnuna għall-ħalib xkumat magħmul fil-Komunità li hu pproċessat f'kaseina jekk ħalib bħal dan u l-kaseina prodotta minnu tkun konformi ma' ċerti kondizzjonijiet.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2005 tad-9 ta' Novembru 2005 li jistipula r-regoli għall-impimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 f'dak li jirrigwarda l-miżuri ta' intervent fis-suq tal-butir u tal-krema tal-ħalib [3], jistipula li butir u krema bi prezzijiet imraħħsa għandhom ikunu disponibbli għall-industriji li jipproduċu ċerti prodotti.

(8) Il-Kumitat ta' Ġestjoni tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib għadu ma ħariġx opinjoni fiż-żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rati ta' rifużjonijiet li japplikaw għall-prodotti bażiċi li huma mniżżla fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 u fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999, u li huma esportati bħala merkanzija mniżżla fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 għandha, tiġi stipulata kif imniżżel fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

[2] ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 447/2007 (ĠU L 106, 24.4.2007, p. 31).

[3] ĠU L 308, 25.11.2005, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 96/2007 (ĠU L 25, 1.2.2007, p. 6).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Heinz ZOUREK

*Direttur Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija*

*ANNESS*

**rati ta' rifużjonijiet applikabbli mill-25 ta' Mejju 2007 għal ċerti prodotti tal-ħalib esportati bħala merkanzija mhux koperta mill-Anness I tat-TRATTAT** ([1])

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Rata ta' rifużjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Fil-każ ta' stipular ta' rifużjonijiet bil-quddiem | Oħrajn |
| ex 0402 10 19 | Ħalib tat-trab, imrammel jew f'forom oħra solidi, li m'għandhomx zokkor jew tipi ta' ħlewwiet oħra miżjuda, li għandhom piż ta' xaħam li ma jaqbiżx il-1,5 % (PG 2): | | |
| | (a) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija tal-kodiċi NM 3501 | — | — |
| | (b) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija oħra | 0,00 | 0,00 |
| ex 0402 21 19 | Ħalib tat-trab, imrammel jew f'forom oħra solidi, li m'għandhomx zokkor jew tipi ta' ħlewwiet oħra miżjuda, li għandhom piż ta' xaħam li ma jaqbiżx is-26 % (PG 3): | | |
| | (a) Fejn merkanzija mħallta, bħala prodotti assimilati għal PG 3, butir bi prezz imraħħas jew krema miksuba insegwitu għar-Regolament (KE) Nru 1898/2005 huma esportati | 10,30 | 10,30 |
| | (b) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija oħra | 0,00 | 0,00 |
| ex 0405 10 | Butir, li għandu piż ta' xaħam ta' 82 % (PG 6): | | |
| | (a) Fejn prodotti li jkollhom butir bi prezz imraħħas jew krema li ġiet prodotta bi qbil mal-kondizzjonijiet ipprovduti għalihom fir-Regolament (KE) Nru 1898/2005 huma esportati | 32,50 | 32,50 |
| | (b) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija tal-kodiċi NM 2106 90 98 li jkollhom 40 % jew iżjed skond il-piż ta' xaħam tal-ħalib | 51,17 | 51,17 |
| | (c) Fuq l-esportazzjoni ta' prodotti oħra | 50,00 | 50,00 |

([1]) Ir-rati stabbiliti f'dan l-Anness m'humiex applikabbli għall-esportazzjonijiet lejn l-Andorra, Ġibilterra, Ceuta, Melilla, is-Santa Sede (Stat tal-Belt tal-Vatikan), il-Liechtenstein, il-gvern lokali ta' Livigno u Campione d'Italia, il-Heligoland, il-Groelandja, il-Gżejjer Faeroe u l-Istati Uniti ta' l-Amerka u għall-prodotti mniżżla fit-Tabelli I u II tal-Portokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 esportati lejn il-Konfederazzjoni Żvizzera.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 571/2007

## ta' l-24 ta' Mejju 2007

## li jistipula r-rati ta' rifużjonijiet applikabbli għal ċertu prodotti mis-settur taz-zokkor esportati bħala prodotti mhux koperti minn Anness I tat-Trattat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2)(a) u (4),

Billi:

(1) L-Artikoli 32(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 318/2006 jipprovdu li d-differenzi bejn il-prezzijiet f'kummerċ internazzjonali tal-prodotti elenkati f' Artikolu 1(1)(b), (c), (d), (f), u (g) ta' dak ir-Regolament u l-prezzijiet fi ħdan il-Komunità jistgħu jiġu koperti b'rifużjoni ta' esportazzjoni meta dawn il-prodotti jiġu esportati bħala prodotti elenkati fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2005 ta' l-30 ta' Ġunju 2005 li jistabbilixxi regoli komuni ta' implimentazzjoni għall-għoti ta' rifużjonijiet ta' esportazzjoni fuq ċertu prodotti ta' l-agrikoltura esportati bħala prodotti mhux koperti minn Anness I tat-Trattat u l-kriterji biex jiġi stipulat l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet ([2]), jispeċifikaw il-prodotti li għalihom trid tiġi stipulata rata ta' rifużjoni, biex tiġi applikata fejn dawn il-prodotti jiġu esportati bħala prodotti elenkati fl-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

(3) Skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005, ir-rata ta' rifużjoni għal kull 100 kilogramma għal kull wieħed mill-prodotti bażiċi in kwestjoni għandha tiġi stipulata kull xahar.

(4) L-Artikolu 32(4) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jistabbilixxu li r-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għal xi prodott li jinsab fi prodott għall-konsum ma jistax jaqbeż ir-rifużjoni applikabbli għal dak il-prodott meta esportat mingħajr iżjed ipproċessar.

(5) Ir-rifużjonijiet stipulati minn dan ir-Regolament jistgħu jiġu stipulati bil-quddiem peress li s-sitwazzjoni tas-suq fix-xhur li ġejjin ma tistax tiġi stipulata bħalissa.

(6) L-obbligi dwar rifużjonijiet li jistgħu jingħataw għall-esportazzjoni ta' prodotti ta' l-agrikoltura li jinsabu fi prodotti għall-konsum mhux koperti b'Anness I tat-Trattat jistgħu jkunu pperikolati jekk jiġu stipulati bil-quddiem rati għoljin ta' rifużjoni. Huwa għalhekk meħtieġ li jittieħdu l-miżuri kawtelatorji f'tali sitwazzjonijiet mingħajr, iżda, ma titfixkel il-konklużjoni ta' kuntratti fit-tul. L-istipular ta' rata speċifika ta' rifużjoni għal stipular bil-quddiem ta' rifużjonijiet hija miżura biex jintlaħqu dawn l-għanijiet varji.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rati ta' rifużjonjiet applikabbli għal prodotti bażiċi elenkati fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 u fl-Artikolu 1(1) u fil-punt (1) tar-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, u esportati bħala prodotti elenkati fl-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, huma stipulati kif imniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Heinz ZOUREK
*Direttur Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija*

---

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p 1. Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1585/2006 (ĠU L 294, 25.10.2006, p. 19).

([2]) ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24. Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 447/2007 (ĠU L 106, 24.4.2007, p. 31).

*ANNESS*

**rati ta' rifużjonijiet applikabbli mill-25 ta' Mejju 2007 għal ċertu prodotti mis-settur taz-zokkor esportati bħala prodotti mhux koperti minn Anness I tat-Trattat** ([1])

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Rata ta' rifużjoni f'EUR/100 kg | |
|---|---|---|---|
| | | F'każ ta' stipular bil-quddiem ta' rifużjonijiet | Ohra |
| 1701 99 10 | Zokkor abjad: | 30,89 | 30,89 |

([1]) Ir-rati mniżżla fl-Anness m'humiex applikabbli għall-esportazzjonijiet lejn l-Albanija, il-Kroazja, il-Bożnja u Ħerzegovina, is-Serbja, il-Montenegro, il-Kosovo, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, Andorra, Ġibilterra, Ceuta, Melilla, is-Santa Sede (Stat tal-Belt tal-Vatikan), il-Liechtenstein, il-gvern lokali ta' Livigno u Campione d'Italia, il-Heligoland, il-Groelandja, il-Gżejjer Faeroe u għall-prodotti mniżżla fit-Tabelli I u II tal-Portokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 esportati lejn il-Konfederazzjoni Żvizzera.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 572/2007

## ta' l-24 ta' Mejju 2007

## li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta mir-Regolament (KE) Nru 38/2007

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 fuq organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2), it-tieni subparagrafu, u t-tielet subparagrafu, punt b) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 38/2007 tas-17 ta' Jannar 2007 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti għall-bejgħ mill-ġdid għall-esportazzjoni taz-zokkor miżmum mill-aġenziji ta' l-intervent tal-Belġju, tar-Repubblika Ċeka, ta' Spanja, ta' l-Irlanda, ta' l-Italja, ta' l-Ungerija, tal-Polonja, tas-Slovakkja u ta' l-Iżvezja ([2]), jirrikjedi li jsiru sejħiet għall-offerti parzjali.

(2) F'konformità ma' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 38/2007, u wara eżami ta' l-offerti mressqa b'risposta għas-sejħa għall-offerti parzjali li tintemm fit-23 ta' Mejju 2007, jeħtieġ li jiġi ffissat ammont massimu għar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għas-sejħa għall-offerti parzjali kkonċernata.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għas-sejħa għall-offerti parzjali li tintemm fit-23 ta' Mejju 2007, l-ammont massimu tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għall-prodott imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 38/2007 huwa ffissat għal 403,00 EUR/tunnellata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 247/2007 (ĠU L 69, 9.3.2007, p. 3).
([2]) ĠU L 11, 18.1.2007, p. 4. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 203/2007 (ĠU L 61, 28.2.2006, p. 3).

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-14 ta' Marzu 2006**

**li tistqarr li konċentrazzjoni hija kompatibbli mas-suq komuni u mal-ħidma tal-Ftehim taż-ŻEE.**

**(Każ COMP/M.3868 – Dong/Elsam/Energi E2)**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2006) 793)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/353/KE)

*Fl-14 ta' Marzu 2006, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' għaqda taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ta' l-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ir-Regolament dwar l-Għaqda tal-KE)* [1] *u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) ta' dak ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni sħiħa tinstab fil-lingwa awtentika tal-każ fuq is-sit ta' l-internet tad-Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/comm/competition/index_en.html*

### I. SOMMARJU

(1) Dan il-każ jittratta l-kisba ta' kontroll minn DONG ta' Elsam, Energi E2, KU u FE.

(2) DONG hija l-impriża ta' gass ta' l-istat Daniż. Elsam u Energi E2 ("E2") huma l-impriżi Daniżi li jiġġeneraw l-elettriku fid-Danimarka tal-Punent (Elsam) u d-Danimarka tal-Lvant (E2), rispettivament. KE u FE huma l-impriżi li jbigħu l-elettriku bl-imnut fiż-żona ta' Kopenhagen.

(3) Id-Deċiżjoni tikkonkludi illi t-tranżazzjoni twassal għal impediment sinifikanti ta' kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ ta' pożizzjonijiet dominanti fuq dawn is-swieq li ġejjin:

— Il-provvista ta' bejgħ bl-ingrossa ta' gass għad-Danimarka (u potenzjalment għall-Iżveżja wkoll),

— Il-ħażna tal-gass jew il-flessibiltà tal-gass (irrispettivament minn jekk huwa għad-Danimarka biss jew għall-Iżveżja wkoll),

— Il-provvista ta' gass għal klijenti kummerċjali kbar u s-CHPs deċentrali, bħal suq 1 jew 2, fid-Danimarka,

— Il-provvista ta' gass għal klijenti ta' negozji żgħar u/jew djar, bħal suq 1 jew 2, fid-Danimarka.

(4) Id-deċiżjoni tikkonkludi illi l-Impenji proposti mill-partijiet jirrimedjaw b'mod suffiċjenti l-problemi ta' kompetizzjoni li ġew identifikati. Għal dak li għandu x'jaqsam mas-suq tal-ħażna/flessibilità, l-effett prinċipali ta' l-Impenji proposti joħroġ miċ-ċessjoni tal-faċilità tal-ħażna f'Lille Torup, li se jkollhom impatt pożittiv fuq il-kompetizzjoni fir-rigward tal-ħażna/flessibilità fid-Danimarka. Għal dak li għandu x'jaqsam mas-swieq tal-gass bl-ingrossa u bl-imnut, id-Deċiżjoni tikkonkludi illi l-programm ta' rilaxx tal-gass offrut mid-DONG, flimkien maċ-ċessjoni tal-ħażna, huwa biżżejjed biex jitneħħa t-tħassib kollu dwar il-kompetizzjoni identifikati mill-Kummissjoni bħala relatati ma' dawn is-swieq.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

(5) B'hekk, il-Kummissjoni tiddikkjara illi t-tranżazzjoni notifikata hija kompatibbli mas-suq komuni u l-Ftehim taż-ŻEE, skond l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Ghaqdiet, u l-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.

## II. MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. *IL-PARTIJIET*

(6) DONG hija l-impriża ta' gass ta' l-istat Daniż, attiva fl-esplorazzjoni, il-produzzjoni, it-trasport 'il barra mix-xtut u l-bejgħ ta' zejt u gass naturali, kif ukoll il-ħażna u d-distribuzzjoni ta' gass naturali. Hija attiva wkoll f'attivitajiet żgħar li għandhom x'jaqsmu mal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku mir-riħ u l-provvista ta' l-elettriku u sħana.

(7) Elsam u Energi E2 ("E2") huma l-impriżi Daniżi li jiġġeneraw l-elettriku fil-Punent tad-Danimarka (Elsam) u l-Lvant tad-Danimarka (E2), rispettivament. It-tnejn huma attivi fil-produzzjoni u l-kummerċ ta' l-elettriku (finanzjarju u fiżiku) fuq is-suq bl-ingrossa u fil-produzzjoni ta' tisħiħ distrettwali. Sa mill-kisba tiegħu tal-bejjiegħ ta' l-elettriku (Daniż mill-Lvant) Nesa fl-2004, l-Elsam kellha wkoll attivitajiet sostanzjali fil-bejgħ ta' l-elettriku għal klijenti kummerċjali u domestiċi. Fuq naħa waħda, l-Elsam u l-E2 għandhom pussess ċentrali ta' l-awtoritajiet lokali, u fuq in-naħa l-oħra, għandhom ishma sostanzjali minn DONG u Vattenfall (f'Elsam) u minn Nesa u KE (fl-E2).

(8) KE u FE jipprovdu l-klijenti kummerċjali u domestiċi bl-elettriku fiż-żona ta' Kopenhagen. Bħalissa, is-sidien tagħhom huma l-Belt ta' Kopenhagen u l-Belt ta' Frederiksberg, rispettivament.

### 2. *IL-ĦIDMA U L-KONĊENTRAZZJONI*

(9) Din il-parti tad-Deċiżjoni tiddeskrivi l-ħidma proposta, li tikkostitwixxi konċentrazzjoni, li permezz tagħha d-DONG takkwista kontroll ta' l-ELSAM, l-E2, il-KE u l-FE, mingħajr ċerti assi ta' ġenerazzjoni ta' l-Elsam u l-E2 li għandhom ikunu attribwiti lill-Vattenfall. Il-kisba ta' l-assi minn Vattenfall tikkostitwixxi konċentrazzjoni separata.

### 3. *QAFAS LEĠIŻLATTIV U REGOLATORJU*

(10) Id-Deċiżjoni tiddiskuti l-qafas regolatorju applikabbli għall-gass u l-elettriku.

(11) Is-suq Daniż tal-gass naturali fetaħ l-ewwel għall-kompetizzjoni għall-akbar klijenti fl-1 ta' Lulju 2000 fejn il-klijenti kollha setgħu jagħżlu l-fornitur sa mill-2004. Il-qafas ta' trażmissjoni ta' gass fuq l-art u l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni nfirxu b'mod sħiħ fl-2004 u llum huwa f'idejn l-Energinet.dk, korporazzjoni indipendenti pubblika f'pussess ta' l-istat Daniż, u mħaddem minnha. L-operazzjonijiet tal-qafas ta' trażmissjoni fuq l-art huma suġġetti għall-aċċess regolat ta' partijiet terzi (TPA). Kemm il-ħażna kif ukoll il-pajpijiet lilhinn mill-kosta li jgħaqdu l-għelieqi fil-parti Daniża tal-Baħar tat-Tramuntana mal-parti ewlenija tad-Danimarka huma proprjetà tad-DONG. Aċċess għal dawn l-infrastrutturi jinkiseb mit-TPA negozjat. Ir-regoli tat-TPA huma ssorveljati mill-Awtorità Regolatorja Daniża ta' l-Enerġija ("DERA"), entità sorveljanti indipendenti fis-settur ta' l-enerġija.

### 4. *SWIEQ RILEVANTI*

A. GASS NATURALI

1. ***Swieq tal-prodotti rilevanti***

(12) Fir-rigward tas-swieq ta' prodotti rilevanti fil-qasam tal-gass, l-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni ffokat fuq id-definizzjoni tas-swieq għall-ħażna tal-gass/flessibilità, il-gass mibjugħ bl-ingrossa u l-provvista tal-gass.

**Is-suq għall-ħażna tal-gass u l-flessibilità tal-gass**

(13) Fir-rigward tal-ħażna tal-gass u/jew għodda oħra ta' flessibilità ta' gass ieħor, id-definizzjoni eżatta ta' prodott tas-suq bħal dan tibqa' miftuħa fid-Deċiżjoni.

(14) Il-partijiet ipproponew prodott tas-suq għall-flessibilità tal-gass li jinkludi l-ħażna f'faċilitajiet dedikati għall-ħażna, tibdiliet fil-produzzjoni, kummerċ internazzjonali, *line-pack*, tibdil għal karburanti oħrajn, kuntratti li jistgħu jiġu interrotti u ċentri ta' suq bi swieq il-quddiem.

(15) Skond il-Kummissjoni, dawn l-għodda ta' flessibilità differenti jistgħu jiġu diviżi f'ħames gruppi, jiġifieri:

— Ħażna f'faċilitajiet dedikati għall-ħażna;

— Kapaċità għal interruzzjoni jew xi modulazzjoni oħra tat-talba tal-klijenti, pereżempju ta' CHPs ċentrali;

— Kuntratti ta' provvista flessibbli (irrispettivament minn jekk ikunux ibbażati fuq importazzjoni, produzzjoni domestika jew kuntratti sekondarji ta' provvista domestika);

— Kummerċ flessibbli fil-gass fuq punti ċentrali jew b'mod bilateri (irrispettivament minn jekk wieħed iħares 'il quddiem jew *ad hoc*);

— *Line-pack*, jiġifieri ħażna f'*pipelines* ta' trasport billi jżidu jew inaqqsu l-pressjoni tal-gass f'dawk il-*pipelines*.

(16) L-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni wriet illi, għad-Danimarka, l-ebda waħda mill-erba' alternattivi ta' flessibilità għall-ħażna fil-faċilitajiet dedikati għall-ħażna msemmija hawn fuq huma kkunsidrati bħala vijabbli kompletament jew alternattivi ta' flessibiltà żviluppati biżżejjed. Madankollu, il-Kummissjoni tqis illi l-kwistjoni tas-suq ta' prodott rilevanti (jew flessibbli jew ħażna) tista' tibqa' miftuħa.

**Suq għal provvista bl-ingrossa ta' gass**

(17) Fir-rigward ta' provvista bl-ingrossa ta' gass għad-Danimarka, id-Deċiżjoni tikkonkludi illi jeżisti suq għal provvista bl-ingrossa ta' gass għad-Danimarka, li jinkludi:

— il-bejgħ kollu, irrispettivament minn jekk ikunx permezz tal-GTF, il-kuntratti ta' provvista jew xi ftehim ieħor;

— permezz ta' importaturi fiżiċi jew kuntrattwali [1], importaturi mill-ġdid (fil-każ ta' gass li jerġa jintuża), produtturi (jekk applikabbli fil-futur) u negozjanti;

— għal negozjanti oħra (bħal pereżempju kumpaniji fornituri) jew għal CHPs ċentrali (dan ta' l-aħħar sakemm jieħdu ħsieb mill-inqas xi ftit mis-servizzi pprovduti regolarment minn fornitur għat-tqassim fuq is-sit jew bil-ħsieb li jbigħu l-gass mill-ġdid),

li jissoddisfaw il-bżonnijiet ta' dawn il-klijenti biex ikollhom aċċess għall-gass bl-ingrossa fid-Danimarka.

(18) L-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni pprovdiet indikazzjonijiet qawwija għall-eżistenza ta' suq separat għall-provvista bl-ingrossa ta' gass naturali. Fit-tweġiba tagħha għad-deċiżjoni ta' l-Artikolu 6(1)(c), DONG ippikonoxxiet "l-eżistenza ta' bejgħ tal-gass u kummerċ fuq livell bl-ingrossa" u ma kkuntestatx dan il-punt jew id-definizzjoni ta' prodott tas-suq hawn fuq imsemmija li għandha x'taqsam mas-suq bl-ingrossa fit-tweġiba tagħha lid-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet.

(19) It-tranżazzjoni proposta għandha impatt ukoll fuq l-ingrossa fl-Iżvezja. Id-Deċiżjoni tikkonkludi illi jeżisti suq separat għall-provvista bl-ingrossa ta' gass iddestinat għall-konsum fl-Iżvezja. Ir-raġunijiet huma li s-sitwazzjoni u l-kondizzjonijiet tas-suq għal provvista bl-ingrossa fl-Iżvezja huma differenti minn dawk tad-Danimarka.

[1] F'dan il kuntest, it-terminu "*physical imports*" għandu jfisser il-kunsinni kollha fis-sistema/trasmissjoni tal-grilja Daniża. Produttur Daniż fil-parti Daniża tan-*North Sea* jsir biss parteċipant dirett tas-suq Daniż tal-bejgħ bl-ingrossa jekk jikkonsenja il-gass lill-grilja Daniża.

**Is-suq għal provvista ta' gass naturali għal impjanti ta' CHP ċentrali**

(20) Id-Deċiżjoni tqis illi l-provvista ta' gass naturali għal impjanti ta' CHP ċentrali (jiġifieri impjanti kbar ta' tisħin u enerġija kumbinata) tikkostitwixxi suq separat minħabba l-fatt li provvista għal CHPs ċentrali hija distinta mis-suq bl-ingrossa. Madankollu, produttur ċentrali ta' enerġija CHP jista' jidħol is-suq bl-ingrossa bħala xerrej jew bħala bejjiegħ u l-ostakoli ta' dħul għal bejjiegħa bl-ingrossa li jridu jipprovdu xi segmenti ta' provvista bl-imnut għal CHPs ċentrali jistgħu jingħelbu.

(21) Il-provvista għal CHPs ċentrali hija distinta wkoll mis-swieq oħra ta' provvista bl-imnut, minħabba flessibilità u livell ta' konsum ogħla, xejriet differenti ta' domanda, prezzijiet u tipi ta' kuntratt, regolazzjoni differenti u l-fatt illi l-CHPs ċentrali jistgħu jipparteċipaw direttament fuq is-suq ta' bejgħ bl-ingrossa.

**Swieq għal provvista ta' gass għal CHPs ċentrali u għal klijenti kbar industrijali**

(22) Id-Deċiżjoni tqis illi l-provvista ta' gass naturali għal impjanti ta' CHPs ċentrali (jiġifieri impjanti żgħar ta' sħana u enerġija kumbinata) u l-provvista ta' gass naturali għal klijenti kbar industrijali tikkostitwixxi suq differenti ta' prodott wieħed jew tnejn.

(23) Klijenti ta' negozji żgħar ma jappartjenux għal dan is-suq ta' prodott minħabba differenza fil-prezzijiet *inter alia*, marġni, spejjeż ta' kummerċjalizzazzjoni u ħażna ta' kanali ta' tqassim, struttura tas-suq, rati li jinbidlu u ħtiġijiet ta' kejl.

(24) Id-Deċiżjoni tqis illi l-provvista għal klijenti kbar industrijali u CHPs deċentralizzati għandhom ċerti similaritajiet (il-livell ta' konsum tal-gass, it-tipi ta' kuntratti tal-gass) iżda wkoll ċerti differenzi (ir-regolarità tad-domanda, l-istruttura differenti ta' sidien, il-fedeltà tal-konsumatur u rati li jinbidlu).

**Swieq għal provvisti ta' gass għad-djar u n-negozji ż-żgħar**

(25) Id-Deċiżjoni tqis illi jeżisti suq wieħed jew żewġ swieq separati għal klijenti li ma jitkejlux, jiġifieri, klijenti li għandhom konsum annwali ta' inqas minn 300 000 $m^3$. B'hekk, il-bejgħ għal klijenti ta' negozji żgħar anqas minn 300 000 $m^3$ u klijenti domestiċi jistgħu jappartjenu għall-istess swieq ta' prodotti jew differenti.

(26) Kondizzjonijiet ta' domanda u provvista bejn dawn iż-żewġ tipi ta' klijenti fid-Danimarka juru ħafna similaritajiet (prezzijiet ta' gass ogħla, propensità inqas għal tibdil ta' fornitur, it-tmexxija ta' portafoll dwar il-bżonnijiet ta' għodda għal klijenti, offerti ġenerali standardizzati, u l-importanza tad-dehra tat-tikketta, l-istruttura tas-suq, l-ispejjeż tal-ħażna u l-ostakoli ogħla ta' dħul). Hemm ukoll għadd ta' differenzi rilevanti (livell medju ta' konsum, prezzijiet, spejjeż u marġni kif ukoll strateġiji differenti ta' kummerċjalizzazzjoni).

(27) L-analiżi kompetitiva mhijiex differenti b'mod sinifikanti bejn dawn iż-żewġ gruppi ta' klijenti u jekk il-provvista għad-djar u għal klijenti ta' negozji żgħar jifformawx partijiet differenti ta' l-istess suq rilevanti jew żewġ swieq rilevanti differenti jibqa' miftuħ.

2. ***Swieq ġeografiċi rilevanti***

**Is-suq għall-ħażna tal-gass u l-flessibilità tal-gass**

(28) DONG iddikjarat illi s-suq rilevanti ġeografiku għal għodda ta' flessibilità ta' gass huwa usa' mid-Danimarka u jinkludi wkoll l-Iżvezja, il-Ġermanja tat-tramuntana u l-Olanda.

(29) Madankollu, ir-riżultati ta' l-investigazzjoni tas-suq wriet illi s-suq ġeografiku għall-ħażna (jew il-flessibilità) huwa, minkejja l-ambitu tas-suq ta' prodott rilevanti, limitat għad-Danimarka. Raġunijiet prinċipali għal din il-konklużjoni huma:

— Il-parti l-kbira ta' għodda ta' flessibilità huma disponibbli biss fuq livell nazzjonali.

— Flessibilità lil hinn mill-fruntieri tista' ssir biss fil-forma tal-ħażna fiżika, iżda fl-Iżvezja l-kapaċità tal-ħażna hija żgħira ħafna (l-Iżvezja tiddependi kważi kompletament fuq il-faċilitajiet tal-ħażna Daniżi) u l-użu ta' faċilitajiet tal-ħażna fil-Ġermanja huwa limitat minħabba d-distanzi ta' trasport itwal u l-ispejjeż ta' trasport ogħla. Matul l-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni kien hemm dubji dwar il-possibilità tal-ħażna barra l-pajjiż.

— Il-partijiet stess jagħmlu użu minn faċilitajiet lokali tal-ħażna għall-ħidmiet tagħhom fl-Olanda u l-Ġermanja.

(30) B'rigward għas-suq Żvediż għall-ħażna/għodda oħra ta' flessibilità, id-Deċiżjoni tikkonkludi illi s-suq huwa jew ta' ambitu Żvediż jew Daniż-Żvediż.

**Suq għal provvista bl-ingrossa ta' gass**

(31) DONG iddikjarat illi s-suq rileventi ġeografiku għall-provvista tal-gass bl-ingrossa huwa usa' mid-Danimarka (jew id-Danimarka u l-Iżvezja) u jinkludi wkoll il-Ġermanja.

(32) L-investigazzjoni tas-suq tipprovdi indikazzjonijiet qawwija li s-suq għal provvisti bl-ingrossa huwa limitat għad-Danimarka. Id-Deċiżjoni tikkonkludi illi l-Iżvezja m'hijiex parti mill-istess suq ġeografiku bħad-Danimarka; tifforma suq separat li huwa Żvediż jew Daniż-Żvediż fl-ambitu tiegħu peress illi l-provvisti bl-ingrossa fl-Iżvezja ma' jeżerċitawx limitu qawwi kompetittiv fuq il-provvisti bl-ingrossa fid-Danimarka. Fl-istess ħin, iddeċidiet li l-Ġermanja, l-Olanda u r-Renju Unit ma jifformawx parti mill-istess suq ġeografiku bħad-Danimarka. Ir-raġunijiet huma:

— Il-gass kollu kkonsumat fid-Danimarka huwa gass Daniż (lil hinn mix-xtut).

— Fl-2003-2005, importazzjoni (kummerċjali) irrappreżentat inqas minn 12 % tal-konsum totali Daniż.

— Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li ġeneralment ma jaffettwawx il-bżonnijiet bl-ingrossa tal-gass fid-Danimarka (jiġifieri t-tranżazzjonijiet fiċ-ċentri Benelux, ir-Renju Unit jew Emden), jidher li l-prezzijiet għandhom impatt insuffiċjenti fuq il-prezzijiet bl-ingrossa fid-Danimarka.

— Il-parteċipanti diversi bl-ingrossa fil-pajjiżi differenti msemmija hawn fuq għandhom sehem differenti konsidrevoli fis-swieq f'dawn il-pajjiżi.

— L-investigazzjoni tas-suq turi li l-klijenti ta' gass Daniż għandhom ftit għarfien fuq prezzijiet bl-ingrossa fil-Ġermanja, u l-importazzjoni ta' gass hija kkunsidrata sostituta dgħajfa għax-xiri ta' gass fuq livell bl-ingrossa fid-Danimarka.

— Il-fornituri tal-gass bl-ingrossa li jixtiequ jimportaw il-gass mill-Ġermanja għad-Danimarka qed jaffaċċjaw spejjeż ta' trasport sinifikanti, limitazzjonijiet ta' kapaċità u ostakoli amministrattivi.

(33) Fit-tweġiba tagħha għad-deċiżjoni għall-Artikolu 6(1)(c), DONG sostniet li l-kunsenja tal-gass fuq in-naħa l-Ġermaniża tal-punt tad-dħul/ħruġ Daniż f'Ellund jappartjenu għas-suq bl-ingrossa Daniż tal-gass. Fuq bażi tar-riżultati ta' l-investigazzjoni tas-suq, id-Deċiżjoni tħalliha miftuħa jekk dawn il-kunsenji għandhomx ikunu inklużi fl-ambitu ġeografiku tas-suq bl-ingrossa Daniż tal-gass.

**Is-suq għal provvista ta' gass naturali għal impjanti ta' CHPs ċentrali**

(34) Id-Deċiżjoni tqis illi l-provvista ta' gass naturali għal impjanti ta' CHPs ċentrali (jiġifieri impjanti kbar ta' tisħin u enerġija kumbinata) tikkostitwixxi suq separat minħabba li l-provvista għal CHPs ċentrali hija distinta mis-suq bl-ingrossa. Barra minn hekk, il-partijiet biss tal-provvista meħtieġa mis-CHPs ċentrali jistgħu joriġinaw minn pajjiżi fil-viċinanza.

**Swieq għal provvista ta' gass għal CHPs deċentrali u għal klijenti kbar industrijali**

(35) Is-suq jew swieq għall-provvista ta' gass naturali għall-CHPs deċentralizzati u klijenti kbar industrijalizzati huwa/huma nazzjonali fl-ambitu tagħhom peress illi m'hemmx importazzjoni diretta. Barra minn dan, huwa ċar li l-istrutturi tas-suq huma diversi bejn il-pajjiżi fil-viċinanza. L-eżistenza ta' differenzi sostanzjali fil-prezzijiet bejn id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Iżvezja u l-Olanda tikkonferma aktar l-eżistenza ta' swieq nazzjonali.

**Swieq għal provvisti ta' gass għad-djar u n-negozji ż-żgħar**

(36) Id-Deċiżjoni tqis illi s-suq għal provvista għan-negozji u klijenti domestiċi fid-Danimarka mhux usa' minn dak nazzjonali, u potenzjalment aktar reġjonali fl-ambitu tiegħu. Il-kwistjoni dwar jekk is-suq/swieq huwiex/humiex nazzjonali jew reġjonali tista' tibqa' miftuħa. Fuq naħa waħda, il-bejgħ f'dan is-suq jeħtieġ uffiċċju nazzjonali ta' bejgħ u servizz u l-fornituri kollha għal klijenti li m'għandhomx l-arloġġ ta' l-elettriku fid-Danimarka huma Daniżi, il-kumpaniji Daniżi u jeżistu differenzi kbar fil-prezzijiet bejn is-swieq nazzjonali. Fuq in-naħa l-oħra, anqas minn 1 % tal-klijenti s'issa ddeċidew li jbiddlu l-fornitur. Għalhekk, impriżi ta' tqassim reġjonali għad għandhom sehem kbir ħafna fis-suq fiż-żoni rispettivi tagħhom u l-prezzijiet għal konsumaturi aħħarin huma differenti fit-tliet żoni reġjonali. Normalment, l-eżistenza ta' differenzi kbar fis-sehem tas-suq kif ukoll id-differenzi fil-prezz bejn ir-reġjunijiet tkun indikazzjoni li s-swieq reġjonali m'humiex integrati.

3. ***Konklużjoni dwar is-swieq rilevanti fis-settur tal-gass naturali***

(37) Id-Deċiżjoni tqis illi dawn is-swieq rilevanti li ġejjin jeżistu:

(1) is-suq Daniż għall-ħażna jew alternattivament is-suq Daniż għal flessibilità ta' gass naturali; is-suq Żvediż għall-ħażna jew inkella s-suq Żvediż għal flessibiltà ta' gass naturali (Żvediż jew alternattivament Żvediż-Daniż fl-ambitu tiegħu);

(2) is-suq għall-gass naturali bl-ingrossa għad-Danimarka (Daniż fl-ambitu tiegħu); is-suq għall-gass naturali bl-ingrossa għall-Iżvezja (Żvediż jew alternattivament Żvediż-Daniż fl-ambitu tiegħu);

(3) Is-suq Daniż għal provvista ta' gass naturali għal impjanti ta' CHPs ċentrali; is-suq Żvediż għal provvista ta' gass naturali għal impjanti ta' CHPs ċentrali (Żvediż jew alternattivament Żvediż-Daniż fl-ambitu tiegħu);

(4) is-suq jew is-swieq għall-provvista ta' gass naturali għal klijenti kbar industrijalizzati u għal impjanti ta' CHPs deċentralizzati (Daniż fl-ambitu tiegħu);

(5) is-suq jew is-swieq għall-provvista ta' gass naturali għal klijenti żgħar u għad-djar (Daniż jew reġjonali fl-ambitu tiegħu).

B. L-ELETTRIKU

1. ***Swieq tal-prodotti rilevanti***

**Il-ġenerazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta' l-elettriku fiżiku; is-servizzi anċillari**

(38) Parti importanti tal-bejgħ u x-xiri ta' l-elettriku bl-ingrossa fiż-żona Nordika tinħadem permezz ta' l-iskambju ta' l-elettriku Nordiku fin-Nord Pool Spot ASA ("Nord Pool"). Barra minn dawn il-forom ta' kummerċ ibbażati fin-Nord-Pool ta' l-elettriku fiżiku fuq livell bl-ingrossa, il-produtturi/negozjanti u klijenti jimpenjaw rwieħhom ukoll f'kuntratti bilaterali ta' l-elettriku bil-bejgħ bl-ingrossa fiżika.

(39) Il-klijenti immedjati ta' servizzi anċillari huma TSOs, li huma responsabbli għal manteniment tal-bilanċ fil-*grid* u biex il-provvista tkun assigurata f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. L-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni waslet għal indikazzjonijiet ċari li s-servizzi anċillari/is-servizzi tas-sistema ma jistgħux jiġu sostitwiti faċilment ma' provvista oħra ta' l-elettriku fuq livell bl-ingrossa. Barra minn hekk, is-sehem ta' operatur ta' setgħa regolatorja jista' jvarja b'mod sinifikanti matul iż-żmien mingħajr l-ebda relazzjoni għal pożizzjoni tiegħu fis-suq għal produzzjoni tad-dawl.

(40) Madankollu, id-Deċiżjoni tqis illi d-delinjazzjoni preċiża ta' dan is-suq/dawn is-swieq tista' tibqa' miftuħa. Provvisti bilaterali għal klijenti mingħajr aċċess dirett għal Pool Nord jista' jew ma jistax jikkostitwixxi suq ta' prodott separat u l-istess jista' jintqal għas-servizzi anċillari.

**Derivattivi finanzjarji ta' l-elettriku**

(41) Id-Deċiżjoni tikkunsidra suq separat għal elettriku finanzjarju, peress illi essenzjalment, is-suq finanzjarju għandu x'jaqsam mal-kummerċ ta' riskju waqt illi s-suq fiżiku jikkonċerna l-kummerċ ta' dawl għal konsum u għalhekk ma jistax jiġi sostitwit kompletament. Jekk il-prodott distint finanzjarju ta' CfDs (jew kuntratti għad-differenza) jappartjeni għall-istess suq jew għal suq separat jibqa' miftuħ.

**Il-kummerċ ta' l-elettriku**

(42) Id-Deċiżjoni tqis li hemm swieq separati għal provvisti għal klijenti li jkollhom bżonnijiet ta' *metering* għal kull siegħa u ieħor għal klijenti mingħajr dawn il-bżonnijiet. Din id-distinzjoni ġiet ikkonfermata b'mod ċar mill-investigazzjoni tas-suq. Dawn il-gruppi ta' klijenti jħallsu prezzijiet differenti, jikkonsumaw prodotti differenti u jixtru b'mod differenti.

2. ***Swieq ġeografiċi rilevanti***

**Bejgħ bl-ingrossa ta' l-elettriku fiżiku**

(43) Id-Deċiżjoni tqis illi l-effetti kompetittivi ta' l-għaqda għandha tiġi evalwata fuq żoni ta' prezzijiet tan-Nord Pool Daniż tal-Lvant/Daniż tal-Punent jew fuq għaqda taż-żewġ żoni inkluż l-Iżvezja, peress illi l-attivitajiet Nordiċi tal-partijiet huma kważi eslussivament limitati għad-Danimarka. Jekk il-konċentrazzjoni ma tasalx għal effetti negattivi fuq il-kompetitizzjoni f'kombinazzjonijiet ta' żoni, ma tkunx tista' tasal għal effetti negattivi f'kwalunkwe żona ta' prezz usa'.

(44) Il-kwistjonijiet kollha l-oħra ta' definizzjoni ta' suq ġeografiku għas-suq bl-ingrossa ta' l-elettriku fir-rigward tal-operazzjoni kurrenti jibqgħu miftuħa.

**Is-servizzi anċillari**

(45) Id-Deċiżjoni tqis illi s-servizzi anċillari huma nazzjonali fl-ambitu tagħhom, peress illi dawn huma dipendenti fuq disponibbità immedjata jew affidabbli f'ċertu żona ta' prezz u peress illi teżisti konġestjoni ta' *interconnectors*.

**Derivattivi finanzjarji ta' l-elettriku**

(46) Fir-rigward tad-derivattivi finanzjarji ta' l-elettriku, id-Deċiżjoni tqis illi s-suq ikun mill-inqas pan-Nordiku peress illi d-derivattivi finanzjarji ta' kummerċ ta' l-elettriku isiru fin-Nord Pool, waqt li l-CfDs jistgħu jiġbru fihom iż-żona partikolari ta' prezz biss, peress illi l-impriżi li jinnegozjaw f'dawn il-prodotti prinċipalment ikunu l-fornituri u klijenti bl-ingrossa f'dawn iż-żoni ta' prezz.

**Il-kummerċ tad-dawl**

(47) Fis-swieq ta' l-elettriku bl-imnut, id-Deċiżjoni tqis illi s-suq għal klijenti li jagħmlu użu mill-meter huwa nazzjonali, waqt illi dawk li ma jagħmlux użu mill-meter huwa nazzjonali-reġjonali. M'hemm l-ebda dħul dirett minn impriżi ta' provvista barranija, u l-biċċa l-kbira ta' klijenti li ma jagħmlux użu mill-meter baqgħu mal-fornitur lokali USO tagħhom.

3. ***Konklużjoni dwar is-swieq rilevanti fl-elettriku***

48. Għalhekk, id-Deċiżjoni tiddefinixxi dawn is-swieq ta' l-elettriku li ġejjin:

(1) il-bejgħ bl-ingrossa ta' l-elettriku (Daniż tal-Punent u Daniż tal-Lvant rispettivament jew usa');

(2) potenzjalment, il-bejgħ bl-ingrossa bilaterali għal klijenti li m'għandhomx aċċess għal Nord Pool (Daniż tal-Punent u Daniż tal-Lvant rispettivament);

(3) potenzjalment, servizzi anċillari (Daniż tal-Punent u Daniż tal-Lvant rispettivament);

(4) derivattivi finanzjarji ta' l-elettriku (li jinkludu ż-żona tan-Nord Pool jekk jeskludu CfDs);

(5) potenzjalment, CfDs (Daniż tal-Punent u Daniż tal-Lvant rispettivament);

(6) il-bejgħ ta' l-elettriku għal klijenti (negozjanti) li jagħmlu użu tal-meter (Daniżi-nazzjonali);

(7) bejgħ ta' l-elettriku għal klijenti li ma jagħmlux użu tal-meter (prinċipalment domestiċi) (jistgħu jkunu Daniżi-nazzjonali jew Daniżi-reġjonali).

C. SWIEQ OĦRA

(49) Numru ta' swieq oħra huma affettwati mill-konċentrazzjoni proposta iżda m'hemm l-ebda impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni, jew minħabba ishma ta' suq baxx jew l-ebda ripetizzjoni ġeografika: it-tisħin distrettwali (lokali), l-irmied li jtir (l-ambitu reġjonali jibqa' miftuħ) u l-kummerċ ta' $CO_2$ (madwar l-UE).

5. *EVALWAZZJONI KOMPETITTIVA*

KUMMENTI PRELIMINARJI FUQ ISHMA TA' MINORANZA

(50) Id-Deċiżjoni teżamina l-argument imfassal mid-DONG dwar l-effett ta' rabtiet qabel l-għaqda bejn il-partijiet li ngħaqdu u bejn il-partijiet li ngħaqdu u l-partijiet terzi iżda sabet li f'kull ċirkostanza, konsiderazzjoni ta' effett bħal dan ma jkunx jista' jżomm l-effetti negattivi ta' l-għaqda.

A. GASS NATURALI

1. ***Is-suq għall-ħażna tal-gass u l-flessibilità tal-gass***

(51) Fuq bażi ta' l-investigazzjoni tas-suq li sar f'dan il-każ, il-Kummissjoni kkonkludiet illi DONG bħalissa hija dominanti fis-suq Daniż għall-ħażna/flessibilità.

(52) Id-Deċiżjoni tqis illi aċċess għall-ħażna/flessibilità huwa meħtieġ biex jikkumplimenta attivitajiet oħra tal-gass, is-suq għall-ħażna/flessibilità huwa meqjus bħala simili għas-swieq oħra tal-gass. Għalkemm żewġ entitajiet separati legali fi ħdan id-DONG huma responsabbli għall-ħażna kummerċjali tal-gass, il-Kummissjoni tqis illi dawn iż-żewġ attivitajiet għandhom l-għan konġunt illi jżidu l-profitabbilità tal-grupp DONG, u annalizżat l-effett fuq is-suq Daniż għall-ħażna/flessibbilità kontra dan l-isfond.

(53) Għalhekk, id-Deċiżjoni tqis illi l-kisba ta' E2 u Elsam bħala s-sorsi ewlenin ta' flessibilità fid-Danimarka għandha tagħti lil DONG il-kapaċità u l-inċentiv biex tnaqqas il-bżonnijiet tagħha stess tal-ħażna billi tissostitwixxi l-użu tal-faċilitajiet tagħha tal-ħażna permezz ta' l-użu ta' E2 u Elsam bħala sorsi flessibbli. Fl-istess ħin, l-alternattiva ta' flessibbilità disponibbli għal fornituri kompetituri ta' gass għandhom jitnaqqsu. B'hekk, u minħabba l-mod kif it-tariffi tal-ħażna Daniża japplikaw, spejjeż oħra tal-ħażna ta' fornituri tal-gass għandhom jiżdiedu u l-kapaċità tagħhom biex jeżerċitaw pressjoni kompetittiva fuq id-DONG għandha b'hekk tonqos.

(54) Għal dawn ir-raġunijiet, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-operazzjoni tasal għal impediment sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva fuq is-suq potenzjali Daniż għall-ħażna jew fuq is-suq potenzjali Daniż għall-ħażna/flessibbiltà b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-pożizzjoni dominanti ta' DONG fuq swieq bħal dawn.

(55) Għal dak li għandu x'jaqsam mas-suq tal-ħażna/flessibbilità Żvediż, id-Deċiżjoni tikkonkludi li s-sejba ta' dannu potenzjali fid-Danimarka tista' fil-prinċipju tiġi estiża għall-Iżvezja, iżda valutazzjoni dettaljata tal-karatteristiċi partikolari tas-suq Żvediż mhijiex neċċessarja meta wieħed iqis li l-valutazzjoni ġenerali tat-tranżazzjoni hija indipendenti minnu.

## 2. *Suq għal provvista bl-ingrossa ta' gass*

(56) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni u d-DONG ħadu perspettivi differenti skond ir-rilevanza ta' l-analiżi ta' provvisti ta' gass bl-ingrossa lil hinn minn […] (*). DONG ikkontestat ir-rilevanza li wieħed iħares lil hinn minn orrizzont ta' […] * snin. Skond il-Kummissjoni, is-suq tal-gass huwa sinifikat permezz ta' investimenti fuq medda ta' żmien twil fl-infrastruttura u kuntratti ta' provvista fuq żmien twil, li jiġġustifikaw analiżi li tinkludi orrizzont-ta'-żmien lil hinn minn […] *. Madankollu, id-Deċiżjoni tikkonkludi li fl-assenza ta' kull konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq lil hinn minn […] *, l-għaqda għandha jkollha effetti sinifikanti kontra l-kompetizzjoni fuq il-provvisti bl-ingrossa Daniża, permezz ta' l-eliminazzjoni ta' l-impatt ristrettiv tal-proġett ta' BGI, u l-fatt illi d-deċiżjonijiet ta' dħul ta' kompetituri għandu jiġi gwidat mill-bidu ta' l-2008 ta' negozjati ta' kuntratti ta' provvista ma' Elsam u E2.

(*) Sigriet Kummerċjali.

(57) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li DONG huwa dominanti fis-suq Daniż għall-provvista ta' gass bl-ingrossa, meta wieħed iqis li s-sehem fis-suq tal-kumpanija kien [80-90 %] * fl-2004 [1]. Il-Kummissjoni analizzat restrizzjonijiet potenzjalment kompetittivi fuq il-pożizzjoni dominanti ta' DONG minn dawn il-ħames sorsi li ġejjin:

— Operaturi fiż-żona Daniża lil hinn mill-kosta;

— Importazzjoni mill-Ġermanja, in-nofs in-nhar mill-pajpline DEUDAN;

— Ir-rotazzjoni ta' gass f'Ellund;

— Suq likwidu bl-ingrossa Daniż, u

— Kapaċità ġdida ta' pajpline jew xi faċilitajiet oħra ta' importazzjoni.

(58) Id-Deċiżjoni tikkonkludi illi dawn ir-restrizzjonijiet kompetittivi huma dgħajfa jew mhux sodi biżżejjed sabiex jikkostitwixxu fi żmien qasir restrizzjoni effettiva fuq il-pożizzjoni fis-suq ta' DONG.

(59) B'hekk, id-Deċiżjoni teżamina jekk it-tranżazzjoni twassal għal tisħiħ tal-pożizzjoni dominanti ta' DONG permezz tat-tneħħija tal-kompetizzjoni reali u/jew potenzjali. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-interess kummerċjali ta' E2 u Elsam sabiex dawn isiru parteċipanti fis-suq bl-ingrossa Daniż tal-gass, id-DONG issostni li l-E2 u l-Elsam jikkostitwixxu kompetituri potenzjali u ssostni li mhumiex ir-restrizzjoni l-aktar kompetittiva u importanti fuq id-DONG.

(60) Skond il-Kummissjoni, huwa biżżejjed li l-E2 u l-Elsam jikostitwixxu restrizzjonijiet importanti kompetittivi (u mhux neċessarjament l-aktar importanti), li t-tneħħija tagħhom twassal għal tħassib tal-kompetizzjoni.

(61) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni u d-Deċiżjoni jikkonkludu li l-konċentrazzjoni proposta għandha tneħħi l-E2 bħala kompetitur reali, u l-Elsam bħala kompetitur potenzjali kredibbli għal DONG. L-analiżi tal-Kummissjoni tal-ħames restrizzjonijiet potenzjali kompetittivi msemmija fil-paragrafu 57 hawn fuq m'għandhiex tbiddel din il-konklużjoni. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-kisba ta' Vatenfall ta' sehem żgħir ta' l-impjanti ta' l-enerġija mħaddma mill-gass ma jkunux biżżejjed biex jegħlbu t-telf ta' pressjoni kompetittiva kawżata mill-integrazzjoni ta' E2 u l-Elsam fil-grupp DONG.

[1] Kif mistenni jkun [80-90 %] * fl-ewwel nofs ta' l-2005.

(62) Minbarra dawn l-effetti orizzontali, id-Deċiżjoni tikkonkludi li t-tranżazzjoni twassal għal telf ta’ klijenti, u bħala riżultat għal impediment sinifikanti ta’ kompetizzjoni effettiva, minħabba integrazzjoni vertikali ta’ DONG ma’ E2 u Elsam, li jgħaqqdu madwar [20-30 %] * tal-konsum sħiħ Daniż. Għalhekk, se jkun aktar diffiċli għall-kompetituri ta’ DONG biex jidħlu fis-swieq ta’ gass Daniż, kemm bħala fornituri bl-ingrossa kif ukoll bħala fornituri ta’ klijenti finali, u b’hekk joħolqu ostakoli għad-dħul f’dawn is-swieq.

(63) Il-partijiet sostnu li s’issa Elsam inkiseb sa ċertu punt biss mill-partijiet terzi, peress illi kien involut f’ċerti ftehimiet ta’ skambju u xiri fuq żmien qasir. Madankollu, il-Kummissjoni tqis illi l-provvisti għal Elsam mill-kompetituri ta’ DONG mill-inqas jikkostitwixxu restrizzjoni potenzjali fuq l-imġiba ta’ DONG.

(64) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li anke jekk l-effett ta’ esklużjoni kien limitat għall-esklużjoni ta’ talba mill-E2, din l-esklużjoni ssaħħaħ b’mod sinifikanti n-nuqqas ta’ inċentivi għall-artijiet terzi li qed jidħlu fis-suq fuq skala sinifikanti. Dan huwa minħabba l-fatt li kważi t-talba kollha indipendenti minn partijiet terzi (mhux-magħluq) għad-Danimarka s’issa sar permezz ta’ l-E2. B’hekk, l-għaqda proposta toħloq ostakoli ta’ dħul għas-suq Daniż bl-ingrossa peress illi telimina kumpanija li xtrat kwantitajiet importanti ta’ gass naturali fuq is-suq bl-ingrossa b’perspettiva kemm li tużaha internament kif ukoll tipprovdi l-gass naturali għall-utenti oħra.

(65) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-konċentrazzjoni proposta tneħħi restrizzjonijiet sinifikanti kompettitivi għal DONG, fuq is-suq Daniż ta’ gass bl-ingrossa. Minħabba l-pożizzjoni dominanti fissa tad-DONG fuq dan is-suq, it-tranżazzjoni proposta probabbli twassal għal impediment sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva, b’mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-pożizzjoni dominanti tad-DONG.

(66) B’rigward għall-provvisti ta’ gass bl-ingrossa fl-Iżvezja, id-DONG għandha pożizzjoni dominanti wkoll fuq dak is-suq ([1]). Id-Deċiżjoni tħalliha miftuħa li DONG hija f’pożizzjoni ta’ dominanza waħedha jew flimkien ma’ oħrajn fis-suq ta’ provvisti bl-ingrossa Żvediż jew Daniż-Żvediż, peress illi kull effett ta’ dannu fuq kwalunkwe wieħed minn dawn is-swieq joriġina minn effett danneġġanti li l-operat ikollu fuq is-suq bl-ingrossa għad-Danimarka.

3. ***Is-suq għall-provvista ta’ gass naturali għal CHPs ċentrali***

(67) Id-Deċiżjoni tqis illi l-ebda esklużjoni ta’ klijenti jew dħul ta’ għeluq tista’ ssir fis-swieq għal provvista ta’ gass naturali għal CHPs naturali fid-Danimarka u l-Iżvezja, peress illi a) mill-inqas sa l-2009 l-ebda klijent ta’ CHPs ċentrali jsofri danni fis-suq Daniż jew Żvediż għal provvista ta’ CHPs ċentrali u, b) wara l-2009 CHPs ikunu protetti jekk il-ħidma tas-suq bl-ingrossa tissaħħaħ permezz tal-programm ta’ rilaxx tal-gass proposta mill-partijiet.

(68) Fir-rigward tal-kompetizzjoni potenzjali, id-Deċiżjoni tikkonkludi li mhuwiex probabbli li l-E2 u/jew l-Elsam jitqisu bħala parteċipanti ġodda fis-suq għal provvista ta’ CHPs ċentrali peress illi ma jkunx probabbli li CHPs ċentrali oħra ikunu jixtiequ jissodisfaw il-ħtiġiet ta’ gass minn provvisti minn kompetituri diretti tiegħu.

(69) Għalhekk id-Deċiżjoni tqis li l-konċentrazzjoni ma twassalx għal impediment sinifikanti ta’ kompetizzjoni effettiva fuq is-swieq għal provvisti ta’ CHPs ċentrali la fid-Danimarka u lanqas fl-Żvezja.

4. ***Swieq għal provvisti għal klijenti industrijali u CHPs deċentrali***

(70) Id-Deċiżjoni sabet li DONG hija dominanti u se tibqa’ dominanti fil-futur prevedibbli b’sehem fis-suq ta’ [60-70 %] * fl-2004, li hija l-aħħar sena b’*data* affidabbli dwar is-sehem fis-suq. M’hemm l-ebda raġuni biex wieħed jemmen li s-sehem fis-suq ta’ DONG għandu jaqa’ taħt il-50 % fil-futur prevedibbli.

(71) Id-dominanza għolja ta’ DONG fil-bejgħ bl-ingrossa, il-ħażna, il-gass barra mill-kosta u l-importazzjoni ta’ pajpijiet aktar tappoġġja il-pożizzjoni ta’ DONG f’dan is-suq/dawn is-swieq għal klijenti kummerċjali kbar u CHPs deċentralizzati, peress illi l-faċilitajiet tal-ħażna u aċċess għall-gass huma parametri importanti kompettitivi fil-kuntest ta’ provvisti għal dawn il-gruppi ta’ klijenti.

(72) Barra minn hekk, il-kompetituri ta’ DONG ma jistgħux jisfidaw id-dominanza ta’ DONG peress illi HNG/MN u Statoil Gazelle huma kumpaniji żgħar, peress illi HNG/MN huwa kompetitur dgħajjef finanzjarjament u peress illi għad jeżistu rabtiet qawwijin bejn id-DONG u l-HNG/MN.

(73) Kemm E.OM kif ukoll Shell għandhom sehem żgħir fis-suq Daniż għal bejgħ għal klijenti kbar kummerċjali u s-CHPs deċentralizzati u E.ON probabbli jiffoka l-isforzi Nordiċi tiegħu fuq is-suq Żvediż.

---
([1]) Mill-inqas [45-55 %] * skond l-istrateġija ta’ bejgħ għall-2005, u [70-80 %] * fl-2003, skond deċiżjoni riċenti (556/2004) minn Awtorità Żvediża tal-Kompetizzjoni.

(74) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni sabet indikazzjonijiet oħra tad-dominanza fissa ta' DONG fis-suq qabel l-għaqda. M'hemmx dubju li DONG għandha rata ta' rotazzjoni l-aktar baxxa fost il-parteċipanti kbar fis-suq. DONG hija l-kumpanija fl-aħjar pożizzjoni biex toffri prodotti ta' karburant doppju u DONG tista' tiżviluppa relazzjonijiet relattivament qrib ma' numru ta' CHPs deċentralizzati.

(75) Id-Deċiżjoni sabet li l-operazzjoni proposta ssaħħaħ id-dominanza ta' DONG minħabba t-tisħiħ ta' l-ostakoli ta' dħul u minħabba t-tneħħija ta' kompetizzjoni potenzjali.

(76) L-operazzjoni proposta ssaħħaħ l-ostakli ta' dħul peress illi tkun aktar diffiċli biex parteċipanti oħra jiksbu d-daqs kritiku fil-provvista tal-gass jekk madwar 20 % fil-konsum totali ta' gass Daniż jitneħħa mis-suq. Barra minn hekk, l-aċċess diġà privileġġjat ta' DONG għas-CHPs deċentralizzati għandu jissaħħaħ aktar minħabba l-għaqda. L-għaqda wkoll tqajjem ir-riskju ta' l-għeluq tal-ħażna ta' gass jew li jogħlew l-ispejjeż ta' nfiq ta' kompetituri konnessi ma' ħażna, li jżidu aktar l-ostakoli għad-dħul. Barra minn hekk, huwa probabbli li l-konċentrazzjoni tgħolli l-ostakoli tad-dħul fis-swieq ta' xiri bl-ingrossa, u b'hekk isir aktar diffiċli għall-kompetituri ta' DONG biex jiksbu provvisti b'mod kompettitiv. Wara l-għaqda, DONG tkun f'pożizzjoni privileġġjata biex toffri prodotti ta' karburanti doppju, waqt li l-kompetituri oħra jsibuha aktar diffiċli jqabblu l-offerta ta' DONG.

(77) Aktar minn hekk, l-operazzjoni proposta ssaħħaħ aktar id-dominanza ta' DONG minħabba t-tneħħija tal-kompetituri potenzjali Elsam, E2, Nesa u KE.

(78) Kemm E2 kif ukoll Elsam għandhom aċċess għal kwantitajiet kbar ta' gass naturali għal prezzijiet kompetittivi. Għandhom ukoll aċċess għall-ħażna u mezzi ta' flessibilità. Aktar minn hekk, għandhom il-marka neċessarja ta' "enerġija". Maġġoranza ċara ta' dawk li jwieġbu għall-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni isostnu li l-Elsam u l-E2 jistgħu jbigħulhom kwantitajiet żejda ta' gass. Fl-aħħar, il-Kummissjoni sabet evidenza qawwija għall-opportunitajiet ta' dħul u intenzjonijiet bħal dawn mill-E2, li diġà ssottometta offerti għall-kumpaniji reġjonali ta' provvisti bl-ingrossa fl-Iżvezja u d-Danimarka fl-2003 u l-2004.

(79) In-NESA u l-KE għandhom marki ta' enerġija qawwija u jistgħu jiksbu sinerġiji ta' nfiq u żieda ta' fedeltà ta' klijenti permezz tal-bejgħ ta' karburant doppju. Għandhom aċċess għal bażi kbira ta' klijenti industrijali. Ukoll DONG u Statoil Gazelle ikkunsidraw il-KE, l-Elsam u l-Energi E2 bħala kompetituri potenzjali fis-swieq ta' gass Daniż.

(80) Għal dawn ir-raġunijiet, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-operazzjoni proposta għandha twassal għal impediment sinifikanti ta' kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari minħabba l-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjonijiet dominanti fis-suq jew swieq tal-provvista ta' gass naturali għal klijenti ta' negozji kbar u CHPs deċentralizzati.

### 5. *Swieq għal provvisti ta' gass għad-djar u n-negozji ż-żgħar*

(81) Id-Deċiżjoni sabet li DONG hija dominanti f'żewġ oqsma reġjonali b'sehem fis-suq 'il fuq minn [90-100 % *] u li din id-dominanza hija msaħħa minħabba ostakoli għolja ta' dħul, il-kontroll ta' DONG fuq il-ħażna u l-aċċess għall-gass 'il barra mill-kosta kif ukoll il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq bl-ingrossa.

(82) Fuq il-premessa alternattiva ta' suq nazzjonali, id-DONG u l-HNG/MN huma kkunsidrati bħala dominanti flimkien b'ishma fis-suq ta' [25-35 %] * u [55-65 %] * rispettivament. Jeżistu rabtiet qawwijin bejn dawn iż-żewġ kumpaniji. Is-suq huwa trasparenti ħafna u għalhekk kwalunkwe devjazzjoni minn imġiba oligopolistika tista' tidher b'mod faċli. Il-prodott huwa omoġenju u jiffaċilita koordinazzjoni taċita. Hemm rati għolja ħafna ta' fedeltà ta' klijenti li jirriżultaw f'ostakoli għolja ta' dħul. Barra minn hekk, hemm mekkaniżmi ta' retaljazzjoni effettivi kontra interess konġunt għoli oligopolistiku fiż-żamma ta' l-*istatus quo*.

(83) Id-Deċiżjoni sabet li d-dominanza ta' DONG għandha tissaħħaħ permezz tat-tisħiħ ta' ostakoli ta' dħul u, sa ċertu punt, permezz tat-tneħħija ta' kompetizzjoni potenzjali.

(84) Il-konċentrazzjoni għandha ssaħħaħ l-ostakoli ta' dħul minħabba spejjeż ogħla tal-ħażna u diffikultajiet ogħla fil-kisba ta' daqs kritiku u ta' ekonomiji ta' skala u skop meħtieġa sabiex id-dħul ikun vijabbli finanzjarjament. Barra minn hekk, l-operazzjoni tneħħi l-klijenti ikbar f'swieq differenti b'flessibilità li tista' tkun ibbilanċjata kontra l-ħtiġijiet ta' flessibilità ta' klijenti domestiċi u ta' negozji żgħar. Fl-aħharnett, it-tnaqqis probabbli ta' likwidità fis-suq ta' gass bl-ingrossa Daniż iżid il-kapaċità ta' DONG biex teskludi aċċess għall-gass bl-ingrossa għall-klijenti tagħha.

(85) Il-konċentrazzjoni għandha telimina xi ftit kompetizzjoni potenzjali minn KE u għal NESA, li huma bejjiegħa ta' l-elettriku, it-tnejn għandhom bażi fiż-zona ikbar ta' Kopenhagen. Diġà għandhom uffiċċji ta' bejgħ, sforzi ta' bejgħ kbar, tagħmir ta' IT u sistemi ta' kontijiet jaħdmu. Għandhom portafolli kbar ta' klijenti, li jistgħu jinbnew fuqhom bil-għan li jidħlu fis-swieq bl-imnut tal-gass. Iż-żewġ kumpaniji wkoll għandhom saħħa ta' marka konsiderevoli kemm fuq livell nazzjonali u speċjalment fuq livell reġjonali. B'hekk, in-NESA u l-KE ma jaffaċċjawx l-ostakoli għoljin għad-dħul li l-biċċa l-kbira ta' entranti għandhom jilħqu. […] *.

(86) Fuq in-naħa l-oħra, ħafna mill-klijenti ta' KE diġà se jkollhom il-ħtiġijiet ta' enerġija għat-tisjir koperti mill-gass tal-belt u l-ħtiġijiet għat-tisħin koperti mit-tisħin tad-distrett. Wieħed għandu jqis ukoll li l-parti l-kbira tal-bażi ta' klijenti ta' l-elettriku ta' NESA u KE tista' tintuża biss sabiex tikkompeti ma' HNG/MN li għandhom iż-żoni ta' distribuzzjoni ta' gass jirkbu ġeografikament in-NESA u l-KE, u mhux id-DONG.

(87) Id-Deċiżjoni tagħraf li l-kumpaniji oħra ta' provvista ta' l-elettriku jistgħu jidħlu fis-suq għal provvista ta' gass għal klijenti ta' negozji żgħar u domestiċi, iżda tikkonkludi li l-KE u n-NESA għandhom pożizzjoni speċjali meta nsemmu l-aċċess għall-gass, li hija diffiċli għal kumpaniji oħra ta' l-elettriku jiddupplikaw.

(88) Għalhekk, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-għaqda proposta għandha timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni fis-suq jew is-swieq għall-provvista ta' gass għal klijenti domestiċi u ta' negozji żgħar, irrispettivament minn jekk dawn is-swieq huma identifikati bħala reġjonali jew nazzjonali, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti.

6. ***Konklużjoni dwar l-evalwazzjoni tas-swieq ta' gass naturali qabel il-konsiderazzjoni ta' modifiki għall-konċentrazzjoni notifikata***

(89) Id-Deċiżjoni tikkonkludi illi t-tranżazzjoni twassal għal impediment sinifikanti ta' kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ ta' pożizzjonijiet dominanti fuq dawn is-swieq ta' prodotti li ġejjin:

— Il-provvista ta' bejgħ bl-ingrossa ta' gass għad-Danimarka (u potenzjalment għall-Iżvezja wkoll);

— Il-ħażna tal-gass jew il-flessibiltà tal-gass (irrispettivament minn jekk għad-Danimarka biss jew għall-Iżvezja wkoll);

— Il-provvista ta' gass għal klijenti ta' negozji kbar u s-CHPs deċentrali, bħal suq 1 jew 2, fid-Danimarka;

— Il-provvista ta' gass għal klijenti ta' negozji żgħar u/jew djar, bħal suq 1 jew 2, fid-Danimarka.

B. L-ELETTRIKU

(90) Id-Deċiżjoni sabet li l-konċentrazzjoni ma toħloqx tħassib ta' kompetizzjoni għas-suq ta' l-elettriku.

1. ***Il-bejgħ ta' l-elettriku bl-ingrossa***

(91) Id-Deċiżjoni sabet, li *prima facie* l-Elsam u l-E2 għandhom pożizzjoni dominanti fiż-żoni tagħhom rispettivi fin-Nord Pool fil-bejgħ bl-ingrossa ta' l-elettriku kull meta dawn iż-żoni huma iżolati minn żoni oħra Nord Pool, peress illi l-limitu effettiv maħdum minn irdieden intra-żona u s-CHPs deċentrali huwa baxx.

(92) Madankollu, l-effetti orizzontali tat-tranżazzjoni proposta probabbli tinqabeż sostanzjalment mit-telf tas-sehem fis-suq minħabba d-divestituri ta' Vattenfall marbuta b'mod kondizzjonali ta' impjanti ta' enerġija għal Vattenfall fid-Danimarka tal-Lvant u tal-Punent li joħloq kompetitur vijabbli għal dawk responsabbli fiż-żona, li jnaqqsu s-sehem tagħhom fis-suq b'mod sostanzjali. Id-Deċiżjoni tikkonkludi wkoll li intenzjonijiet minn Elsam u l-E2 biex jidħlu fit-territorji ta' xulxin ma ġewx stabbiliti u li DONG naqset milli tidħol fil-ġenerazzjoni ta' l-elettriku permezz ta' impjant ta' l-enerġija mħaddem bil-gass. Għalhekk id-Deċiżjoni tikkonkludi li kwalunkwe effetti potenzjalment orizzontali huma megħluba faċilment mill-effett pożittiv li hu ċert u immedjat tad-dħul ta' Vattenfall.

(93) Għal dak li għandu x'jaqsam ma' effetti vertikali, id-Deċiżjoni sabet li DONG wisq probabbli ma tgħollix l-ispejjeż tal-kompetituri (gass bħala dħul) tagħha wara l-għaqda. Simulazzjoni b'mudell ikkonfermat li sabiex it-tnaqqis fir-riżultat ikun ta' importanza, ikun hemm bżonn ta' żidiet sinifikanti ħafna fil-prezzijiet tal-gass. Dawn iż-żidiet ibbażati fuq effetti vertikali *relatati ma' l-għaqda* ma jkunux realistiċi fid-dawl ta' limitazzjonijiet kompetittivi li, minkejja il-pożizzjoni dominanti tagħha, xorta jkomplu jeżistu f'DONG wara l-għaqda. Din il-konklużjoni tissaħħaħ permezz tar-rimedji offruti minn DONG li għandhom iżidu d-disponibbiltà ta' sorsi alternattivi ta' gass għal CHPs deċentrali wara l-għaqda. Barra minn hekk, anke jekk l-entità magħquda wara l-għaqda kellha inċentiva biex tfittex li żżid il-prezzijiet ta' gass għal CHPs deċentrali, m'huwiex probabbli li din toħloq prezzijiet ogħla ta' l-elettriku fid-dawl ta' aktar kompetizzjoni fil-Lvant u l-Punent tad-Danimarka minħabba ċ-ċessjoni ta' impjanti ta' l-enerġija għal Vattenfall.

(94) Mhux probabbli li fil-futur DONG tkun tista' teżerċita xi influwenza diretta fuq is-CHPs deċentrali minħabba l-impenn minn Elsam għal Awtorità ta' Kompetizzjoni Daniża f'Marzu 2004 b'konnessjoni mal-kisba minn Elsam ta' Nesa, fejn Elsam u Nesa impenjaw ruħhom biex ineħħu l-ishma kollha tagħhom fis-CHPs deċentrali maħduma mill-gass.

(95) L-effett ta' l-għaqda fuq l-impatt pożittiv ġenerali tal-*Great Belt Interconnector*, li jgħaqqad id-Danimarka tal-Lvant mad-Danimarka tal-Punent u mistenni għall-2010, huwa eżaminat ukoll. Huwa konkluż li r-restrizzjoni li tista' tingħata, mhux preżenti fil-għaqda permezz ta' *interconnector* probabbli 600MW, xorta tkun inqas mir-restrizzjoni pprovduta mid-dħul ta' Vattenfall fiż-żewġ żoni. Dan ġie kkonfermat ukoll permezz ta' simulazzjoni b'mudell.

(96) Dawn il-konsiderazzjonijiet u sejbiet dwar l-effetti orizzontali u vertikali ta' l-għaqda proposta japplikaw ukoll għal bejgħ bl-ingrossa bilaterali ta' l-elettriku għal klijenti kemm fid-Danimarka tal-Lvant kif ukoll fid-Danimarka tal-Punent li jassumi suq separat għal klijenti bl-ingrossa li jista' jkun m'għandhomx aċċess għas-suq bl-ingrossa tan-Nord Pool.

(97) Fil-kuntest usa' ta' Nord Pool, il-partijiet għandhom ishma fis-suq taħt l-10 % ukoll f'suq li jgħaqqad l-Iżvezja biss u ż-żewġ partijiet tad-Danimarka.

2. ***Is-servizzi anċillari***

(98) Id-Deċiżjoni sabet li qabel l-għaqda, l-Elsam u l-E2 kellhom jaffaċċjaw ftit kompetizzjoni fiż-żoni rispettivi tagħhom, waqt li wara l-għaqda DONG se taffaċċja, f'kull żona, kompetitur serju, jiġifieri l-Vattenfall. Għalhekk, l-għaqda, ma twassalx għal problema ta' kompetizzjoni dwar is-swieq potenzjali għal servizzi anċillari fid-Danimarka tal-Lvant u d-Danimarka tal-Punent.

3. ***Derivattivi finanzjarji ta' l-elettriku***

(99) F'suq Nordiku għal kummerċ f'*derivattivi finanzjarji ta' l-elettriku* l-partijiet li qed jgħaqqdu għandhom sehem flimkien fis-suq ta' < 10 %. Dan is-sehem żgħir fis-suq jeskludi t-tħassib kollu f'suq bħal dan.

(100) Dwar swieq distrettwali potenzjali għal CfDs għad-Danimarka tal-Lvant u d-Danimarka tal-Punent, huwa ċar li l-E2 u l-Elsam huma l-bejjiegħa prinċipali ta' CfDs fiż-żoni rispettivi tagħhom. Madankollu, hu mistenni li d-divestiment ta' assi ta' ġenerazzjoni għal Vattenfall ikollu l-effett li jintroduċi l-Vattenfall bħala bejjiegħ prinċipali ta' CfDs kemm fil-Lvant kif ukoll fil-Punent tad-Danimarka.

4. ***Provvista bl-imnut ta' l-elettriku għal klijenti kummerċjali***

(101) Id-Deċiżjoni sabet li l-livell kurrenti ta' kompetizzjoni fis-suq Daniż għal provvisti ta' l-elettriku għal klijenti bil-kejl huwa għoli. L-entità magħquda se jkollha sehem konġunt fis-suq ta' [20-30 %] *. Wara l-għaqda, l-entità magħquda x'aktarx se tnaqqas id-distakk mill-parteċipant ewlieni fis-suq, EnergiDanmark. Barra minn hekk, numru ta' kompetituri oħra huma kkunsidrati bħala alternattivi vijabbli minn klijenti.

5. ***Il-provvista tal-bejgħ bl-imnut għal klijenti żgħar standard bi profil baxx***

(102) L-operazzjoni twassal ukoll għal ċerti duplikazzjonijiet fis-sehem tas-suq għal provvista tal-bejgħ bl-imnut ta' l-elettriku għal klijenti żgħar. Il-pajsaġġ kompetittiv f'dan is-suq fid-Danimakra huwa kemmxejn frammentat b'numru żgħir biss ta' klijenti domestiċi li s'issa bidlu l-fornitur lokali attiv tagħhom. F'suq nazzjonali Daniż, id-DONG issir l-ikbar kumpanija, għalkemm b'sehem fis-suq limitat ta' madwar [25-30 %] *.

(103) Għalkemm in-NESA u l-KE kienu fost il-kumpaniji l-aktar importanti li favurhom dawru l-klijenti, hemm kompetituri oħrajn li għandhom rati ta' kisba ta' klijenti kumparabbli.

(104) Fuq il-preżunzjoni ta' swieq reġjonali, id-Deċiżjoni sabet li l-operazzjoni ma twassalx għal tisħiħ sinifikanti tal-pożizzjonijiet ta' Nesa, KE u FE fiż-zoni ta' kariga rispettiva tagħhom peress illi l-kompetituri ta' partijiet terzi bħal OK u EnergiDanmark huma kompetituri f'pożizzjoni tajba f'dawn iż-żoni bħal m'huma l-partijiet l-oħra ta' l-għaqda.

6. ***Konklużjoni dwar l-evalwazzjoni kompetittiva għas-swieq ta' l-elettriku***

(105) Id-Deċiżjoni sabet li l-konċentrazzjoni ma twassalx għal impediment sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari bħala riżultat tal-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti fuq kwalunkwe suq potenzjal affettwat għal bejgħ bl-ingrossa ta' l-elettriku, servizzi anċillari, derivattivi finanzjarji ta' l-elettriku, il-provvista tal-bejgħ bl-imnut għal klijenti kummerċjali jew il-provvista ta' l-elettriku għal klijenti żgħar.

## 6. *IMPENJI*

A. DESKRIZZJONI TA' L-IMPENJI

1. ***Ċessjoni fil-ħażna***

106. Bil-għan illi tindirizza t-tħassib dwar il-kompetizzjoni dwar is-suq tal-ħażna/flessibilità, DONG ippreżentat impenn biex tiġi divestita l-faċilità ikbar tal-ħażna ta' gass tagħha qabel l-1 ta' Mejju 2007 f'Lille Torup f'Jutland. Ix-xerrej biss għandu jkun intitolat biex jbiegħ il-kapaċità tal-ħażna fil-faċilità tal-ħażna f'Lille Torop għas-sena tal-ħażna ta' gass 2007/2008 li tibda fl-1 ta' Mejju 2007 u tispiċċa fit-30 ta' April 2008. DONG timpenja ruħha li ma tiksibx, għal perjodu ta' għaxar snin mill-għeluq tal-bejgħ għax-xerrej, influwenza kemm diretta jew indiretta fuq parti biss jew is-sehem kollu tal-ħażna sakemm il-Kummissjoni ma tkunx aċċettatha minn qabel.

2. ***Programm ta' Rilaxx ta' Gass***

(107) Bil-għan illi tindirizza t-tħassib dwar il-kompetizzjoni ppreżentat fis-swieq bl-ingrossa, DONG ippreżentat, bħala impenn, Programm ta' Rilaxx ta' Gass sabiex il-gass naturali jkun disponibbli għal partijiet terzi fid-Danimarka. L-ammont ta' gass għal rilaxx se jkun ta' 400 mcm kull sena, (total ta' 2 400 mcm), li għandu jinbiegħ bl-irkant fis-snin 2006 sa 2011 għal kunsenja fis-snin ta' gass wara kull irkant. Il-volumi jaqblu ma' madwar 10 % tal-konsum kollu Daniż fl-2005. F'każ illi l-kondizzjonijiet fis-suq jinbidlu b'mod sinifikanti, id-DONG tista', taħt ċerti kondizzjonijiet, tapplika għall-Kummissjoni biex ittemm il-Programm ta' Rilaxx ta' Gass fir-rigward ta' l-aħħar żewġ irkanti. Il-Programm ta' Rilaxx ta' Gass jipprevedi proċess ta' irkant ta' żewġ passi: fl-"Irkant Primarju", id-DONG se jkollha l-gass disponibbli fil-punt ċentrali ta' kummerċ virtwali fid-Danimarka, u bħal fi skambju, offerenti ta' suċċess jagħmlu l-istess volum ta' gass disponibbli għal DONG f'wieħed mill-4 punti ċentrali speċifikati ta' gass fl-Ewropa tat-Tramuntana. Dawk il-kwantitajiet li ma jinbiegħux fl-Irkant Primarju, għandhom jinbiegħu f'irkant tradizzjonali ta' rilaxx tal-gass li se jsir aktar tard fl-istess sena. Barra minn hekk, l-Impenji jipprevedu klawsola ta' rilaxx ta' klijenti li skond din, klijenti diretti eżistenti ta' DONG li jieħdu sehem fil-proċess ta' irkant jew li jixtru gass minn negozjant/bejjiegħ bl-ingrossa li ngħata lottijiet fl-irkant, huma intitolati biex inaqqsu l-obbligu tax-xiri kuntrattwali tagħhom vis-à-vis DONG.

B. EVALWAZZJONI TA' L-IMPENJI SOTTOMESSI

1. ***L-Effett ta' l-impenji proposti dwar is-suq tal-ħażna/flessibilità***

(108) L-effett prinċipali ta' l-Impenji proposti dwar is-suq tal-ħażna/flessibilità joriġina miċ-ċessjoni tal-faċilità tal-ħażna f'Lille Torup. Barra minn hekk, il-Programm ta' Rilaxx ta' Gass iżid il-likwidità tas-suq bl-ingrossa Daniża u b'hekk tipprovdi wkoll sorsi ġodda ta' flessibilità.

(109) Iċ-ċessjoni ta' l-ikbar miż-żewġ faċilitajiet tal-ħażna Daniżi li għandha kapaċità ta' madwar 400 mcm bl-ebda riservazzjonijiet ta' kapaċità li jaqbżu sena, tirriżulta f'żieda ta' kompetizzjoni f'dan is-suq, sew jekk jitqies bħala suq tal-ħażna jew bħala suq usa' għal flessibilità. Dawn il-volumi ta' ħażna/flessibilità jammontaw għal aktar minn 57 % tal-kapaċità Daniża tal-ħażna u b'hekk għal biċċa 'l-kbira tal-flessibilità ġenerali disponibbli fid-Danimarka.

(110) Iċ-ċessjoni tal-faċilità tal-ħażna ta' Lille Torup ġeneralment hija kkunsidrata minn parteċipanti fis-suq bħala impatt pożittiv fuq il-kompetizzjoni fir-rigward tal-ħażna/flessibilità fid-Danimarka.

(111) Impatt pożittiv fuq il-flessibilità disponibbli fid-Danimarka joriġina wkoll mill-Programm ta' Rilaxx ta' Gass, li b'hekk jikkumplimenta l-flessibilità offrut lis-suq mill-faċilità tal-ħażna ta' Lille Torup.

(112) Iż-żewġ elementi ta' l-Impenji, jiġifieri, iċ-ċessjoni tal-ħażna u l-Programm ta' Rilaxx ta' Gass, se jkollhom impatt pożittiv fuq is-swieq Żvediżi. Il-kompetizzjoni bejn id-DONG u l-operatur tal-ħażna fil-futur ta' Lille Torup għandha tkun ta' benefiċċju għal klijenti tal-ħażna Żvediżi. L-istess japplika għall-effetti tal-Programm ta' Rilaxx ta' Gass.

2. ***L-effett ta' l-impenji proposti fuq is-suq bl-ingrossa għall-gass naturali***

(113) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-programm ta' ħruġ tal-gass offrut mid-DONG, flimkien maċ-ċessjoni tal-ħażna, hija biżżejjed biex jitneħħa t-tħassib kollu dwar il-kompetizzjoni identifikat mill-Kummissjoni bħala relatat għal dawn is-swieq.

(114) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-programm ta' rilaxx tal-gass, il-kwantitajiet offruti ta' 400 mcm kull sena li għandhom ikunu skambjati jew mibjugħa permezz ta' l-ewwel jew it-tieni irkant, jgħaqqdu madwar 10 % tat-talba Daniża.

(115) L-ewwelnett, b'rigward għad-drittijiet tal-klijenti, dawn il-kwantitajiet għandhom, flimkien mad-dispożizzjoni ta' rilaxx tal-klijent, jikkumpensaw għall-volumi li l-E2 oriġinat fl-aħħar snin fuq bażi ta' żmien qasir kemm ġewwa kif ukoll barra mid-Danimakra, u li jew meqjusa bħal madwar 5 % tat-talba Daniża. Dawn il-kwantitajiet rilaxxati jikkumpensaw ukoll għal kwalunkwe volumi żejda li potenzjalment setgħu jinxtraw minn Elsam u E2 qabel l-iskadenza tal-kuntratti tagħhom ta' provvista bi zmien twil mad-DONG fl-2009.

(116) It-tieninett, dawn il-kwantitajiet għandhom jikkumpensaw għat-tneħħija ta' kompetizzjoni potenzjali minn Elsam u speċjalment l-E2. Madankollu, huwa diffiċli tistabilixxi b'ċertezza liema kwantitajiet ikunu nbiegħu minn dawn il-kumpaniji fil-futur prevedibbli. Madankollu, l-importazzjoni minn u għall-E2 *kif ukoll* l-ishma fis-suq tal-kompetituri kollha (ħlief għal […] *) *flimkien* (jiġifieri l-kompetizzjoni kollha indipendenti għal DONG meħuda flimkien) ammontaw għal madwar 10 % tat-talba Daniża fl-2004.

(117) Għandu jitqies li dawn il-kwantitajiet għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet ta' flessibilità li jagħmlu dan il-gass attraenti għal għanijiet kollha tas-suq bl-ingrossa Daniża.

(118) Element ta' importanza speċifika hija d-dispożizzjoni ta' rilaxx tal-klijent li tipprovdi inċentiv għax-xerrejja ta' dan il-gass biex jużawh fid-Danimarka, tiffaċilita d-dħul, u tindirizza wkoll it-tħassib ta' esklużjoni tal-klijent.

(119) Fir-rigward tat-tul u l-volum ta' dan il-programm ta' rilaxx ta' gass numru kbir ta' parteċipanti fis-suq qiesu dan bħala biżżejjed biex jikkumpensa għall-effetti ta' dannu ta' l-għaqda fuq is-suq bl-ingrossa Daniża.

(120) Barra minn dan, ir-rimedju ta' ċessjoni tal-ħażna se jkollu effett ta' benefiċċju fuq is-suq bl-ingrossa Daniż. Dan huwa minħabba aċċess għal kapaċità tal-ħażna mhux-diskriminatorja indipendenti minn DONG huwa faċilitatur essenzjali ta' operazzjoni bl-ingrossa ta' partijiet terzi mid-Danimarka.

3. ***L-effett ta' l-impenji proposti fuq is-swieq ta' bejgħ bl-imnut għal gass naturali***

**Suq/swieq għal provvisti ta' klijenti industrijali u CHPs deċentrali u Suq/Swieq għal provvisti għal negozji żgħar u d-djar**

(i) *It-tisħiħ ta' l-ostakoli ta' dħul (problemi vertikali)*

(121) Id-Deċiżjoni sabet li l-programm ta' rilaxx ta' gass jirrimedja kull tħassib relatat mat-tisħiħ ta' l-ostakoli ta' dħul f'dawn is-swieq.

(122) B'mod aktar speċifiku, il-programm ta' rilaxx ta' gass jindirizza t-tħassib relatat ma' l-effett ta' l-esklużjoni tal-klijent u l-kisba ta' daqs kritiku, permezz tal-parti ta' rilaxx tal-programm. Il-volum ta' 400 mcm irkantat jammonta għal 17 % tas-suq għall-provvisti għal klijenti industrijali u s-CHPs deċentrali u 45 % tas-suq għal provvisti għan-negozji żgħar u d-djar.

(123) L-ammont annwali ta' gass li se jkun rilaxxat għandu jkollu impatt importanti fuq il-likwidità tas-suq ta' bejgħ ta' gass bl-ingrossa Daniża u għandu jiffaċilita l-possibilità ta' kompetituri li huma attivi, jew jixtiequ jsiru attivi, fuq dawn is-swieq biex joffru provvisti ta' dawl/gass naturali b'karburant doppju b'kompetizzjoni ma' DONG.

(124) Kull tħassib relatat mat-tneħħija ta' flessibilità ta' CHPs ċentrali bħala possibilità ta' bilanċ għal ħtiġijiet ta' flessibilità ta' fornituri u l-għeluq ta' dħul, huma rimedjati mid-dispożizzjonijiet ta' flessibilità tal-programm ta' rilaxx tal-gass kif ukoll iċ-ċessjoni tal-faċilità tal-ħażna ta' Lille Torup, li tintroduċi l-kompetizzjoni bejn iż-żewġ ħażniet Daniżi.

(125) Għalhekk, id-Deċiżjoni tikkonkludi li bħala effett ta' l-impriżi sottomessi, ostakoli ta' dħul ma jkunux ogħla meta kkomparati mas-sitwazzjoni qabel l-għaqda.

(ii) *It-Tneħħija ta' kompetizzjoni potenzjali*

(126) Id-Deċiżjoni tqis li t-tnaqqis ġenerali ta' l-ostakoli tad-dħul fuq dawn is-swieq se jkollu effett li jikkumpensa għat-telf ta' kompetizzjoni ġenerali fuq dawn is-swieq.

(127) Dwar il-programm ta' rilaxx ta' gass, dan jista jinkiseb b'żewġ modi in partikolari. L-ewwelnett, l-aċċess aħjar għall-gass taħt il-programm ta' rilaxx tal-gass bil-flessibilità assoċjata tiffaċilita d-dħul minn kompetituri oħra potenzjali. It-tieninett, il-mekkaniżmu ta' rilaxx tal-klijent jiżgura illi kompetituri potenzjali li jixtiequ jidħlu fis-suq/swieq Daniż/i ta' gass li kisbu l-gass permezz tal-programm ta' rilaxx, se jkollhom aċċess relattivament faċli għall-klijenti.

(128) It-tieninett, ir-rimedju ta' ċessjoni tal-ħażna għandu jiffaċilita d-dħul billi jintroduċi l-kompetitizzjoni bejn iż-żewġ ħażniet Daniżi, jelimina r-riskju ta' għeluq ta' dħul u jsaħħaħ il-kunfidenza ġenerali f'aċċess mhux diskriminatorju għall-faċilitajiet tal-ħażna.

7. *KONKLUŻJONI*

(129) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-konċentrazzjoni proposta flimkien mal-kummenti sottomessi ma timpedix b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'xi parti sostanzjali minnha, b'mod partikolari minħabba l-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti.

(130) B'hekk, il-Kummissjoni tiddikkjara illi t-tranżazzjoni notifikata hija kompatibbli mas-suq komuni u l-Ftehim taż-ŻEE, skond l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, u l-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-21 ta' Mejju 2007

## li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-*bluetongue*

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2090)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/354/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ta' l-20 ta' Novembru 2000 li tistipula d-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-qerda tal-*bluetongue* [1], u b'mod partikolari t-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 6(1), l-Artikolu 11 u l-Artikolu 12 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2000/75/KE tistabbilixxi regoli u miżuri ta' kontroll kontra l-*bluetongue* fil-Komunità, inkluż it-twaqqif ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza u projbizzjoni fuq speċijiet suxxettibbli li jħallu dawn iż-żoni.

(2) L-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva 2000/75/KE tistipula li fejn il-preżenza tal-vajrus tal-*bluetongue* hija uffiċjalment ikkonfermata, il-veterinarju uffiċjali għandu jestendi ċerti miżuri stipulati fl-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva għall-azjendi li jinsabu f'raġġ ta' 20 kilometru madwar l-azjenda infettata. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jrażżnu l-marda fl-istat inizjali wara d-dħul tal-vajrus ġewwa żona li tkun għada kemm ġiet infettata.

(3) Madankollu, skond l-Artikolu 6(2) dawn il-miżuri jistgħu jiġu modulati mill-Istat Membru affettwat fuq il-bażi tar-riżultat pożittiv ta' stima tar-riskju li tqis id-*data* ġeografika, epidemjoloġika, ekoloġika, entomoloġika, meteoroloġika u storika u r-riżultati ta' sorveljanza attiva, inkluż il-perċentwali ta' annimali sero-pożittivi, serotip ta' vajrus li jkun qed jiċċirkola u l-frekwenza ta' l-organiżmi li x'aktarx ikunu abbli.

(4) Għalhekk huwa xieraq li jiġu stipulati l-ħtiġijiet għall-eżenzjoni mill-projbizzjoni ta' spostament għal annimali li joħorġu miż-żona ta' 20 kilometru madwar l-azjenda infettata, inklużi annimali destinati għall-kummerċ intra-Komunitarju u l-esportazzjoni, wara li tinkiseb l-approvazzjoni minn qabel ta' l-awtorità kompetenti tal-post ta' destinazzjoni.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/393/KE tat-23 ta' Mejju 2005 dwar żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fir-rigward tal-*bluetongue* u kundizzjonijiet li japplikaw għall-ispostament minn jew f'dawn iż-żoni [2], tipprovdi għad-demarkazzjoni taż-żoni ġeografiċi globali fejn iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza ('iż-żoni ristretti') għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għal dak li għandu x'jaqsam mal-*bluetongue*.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/444/KEE tat-2 ta' Lulju 1993 dwar regoli fid-dettall li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti annimali ħajjin u prodotti intiżi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi [3] *tistipula li l-annimali intiżi għall-esportazzjoni jridu jkunu akkumpanjati sal-punt tal-ħruġ mill-Komunità minn ċertifikat* li fih, fejn meħtieġ, il-garanziji addizzjonali stipulati bil-leġislazzjoni tal-Komunità għall-annimali intiżi għat-tbiċċir. Skond dan, iċ-ċertifikat li jkopri l-annimali għall-esportazzjoni għandu jinkludi referenza għal kull trattament b'insettiċidi mwettaq skond id-Deċiżjoni 2005/393/KE.

(7) Huwa xieraq li jiġu stipulati l-kondizzjonijiet għat-trattament ta' l-annimali u l-mezzi ta' trasport b'insettiċidi awtorizzati fuq il-post tat-tagħbija miż-żoni ristretti ddestinati jew li jkunu għaddejjin minn żoni 'l barra minn xi żona ristretta. Meta, matul it-transitu minn ġewwa żona ristretta, ikun hemm il-ħsieb ta' perjodu ta' mistrieħ f'post ta' kontroll, l-annimali jridu jiġu protetti minn kwalunkwe attakk minn organiżmi li jġorru l-parassiti.

(8) Id-Deċiżjoni 2005/393/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

---

[1] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

[2] ĠU L 130, 24.5.2005, p. 22. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/227/KE (ĠU L 98, 13.4.2007, p. 23).

[3] ĠU L 208, 19.8.1993, p. 34.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2005/393/KE qed tkun emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2a jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2a*

**Deroga mill-projbizzjoni ta' spostament**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva 2000/75/KE, l-annimali li ġejjin għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjoni fuq l-ispostament fiż-żona ta' l-20 km:

(a) annimali ddestinati għal azjenda f'raġġ ta' 20 km madwar azjenda infettata;

(b) annimali ddestinati għal trasport dirett lejn biċċerija li tinsab fi ħdan iż-żona ristretta madwar l-azjenda minn fejn jintbagħtu;

(c) annimali ddestinati għal azjenda li tinsab fiż-żona ristretta madwar l-azjenda minn fejn jintbagħtu u 'l barra minn raġġ ta' 20 km madwar azjenda infettata, sakemm:

(i) jew ikun hemm approvazzjonijiet minn qabel ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' l-azjendi minn fejn jintbagħtu jew fejn jaslu l-annimali u konformità ma' kull garanzija ta' saħħa mitluba minn dawn l-awtoritajiet kompetenti rigward miżuri kontra t-tixrid tal-vajrus tal-*bluetongue*, u l-ħarsien kontra attakki minn organiżmi li jġorru l-parassiti; jew

(ii) isir test għall-identifikazzjoni ta' l-aġent kif stabbilit fit-Taqsima A(1)(c) ta' l-Anness II imwettaq b'riżultati negattivi fuq kampjun meħud mill-annimal kkonċernat, fi żmien 48 siegħa qabel it-tluq tiegħu, li għandu jitħares minn kull attakk minn organiżmi li jġorru l-parassiti ta' l-anqas mill-ħin li dan il-kampjun ittieħed u ma jistax iħalli l-azjenda ta' destinazzjoni, jekk mhux għat-tbiċċir dirett jew skond it-Taqsima A ta' dan l-Anness;

(d) annimali ddestinati għal azjenda jew għal trasport dirett lejn biċċerija li tinsab 'il barra minn zona ristretta madwar l-azjenda minn fejn jintbagħtu l-annimali, inklużi dawk għall-kummerċ intra-Komunitarju jew għall-esportazzjoni, sakemm:

(i) ikun hemm approvazzjonijiet minn qabel ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ta' fejn jinsabu l-azjendi minn fejn jintbagħtu jew fejn jaslu l-annimali u konformità ma' kull garanzija ta' saħħa mitluba minn dawn l-awtoritajiet kompetenti rigward miżuri kontra t-tixrid tal-vajrus tal-*bluetongue*, u l-ħarsien kontra attakki minn organiżmi li jġorru l-parassiti; kif ukoll

(ii) konformità ta' l-inqas mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 jew l-Artikolu 4; kif ukoll

(iii) f'każ ta' annimali ddestinati għall-kummerċ intra-Komunitarju, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jiżgura li jiżdied il-kliem addizzjonali li ġej maċ-ċertifikati korrispondenti ta' saħħa stabbiliti fid-Direttivi tal-Kunsill 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE, jew, fejn l-annimali jkunu ddestinati għall-esportazzjoni, iċ-ċertifikat ta' saħħa stabbilit fid-Deċiżjoni 93/444/KEE

'Annimali konformi mad-Deċiżjoni 2005/393/KE'.";

(2) L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

**Transitu ta' annimali**

1. Annimali minn żona ristretta ddestinati għal żoni 'l barra minn żona ristretta jew fi transitu fiha u l-mezzi li fuqhom jiġu ttrasportati għandhom jiġu ttrattati b'insetticidi awtorizzati fuq il-post tat-tagħbija jew f'kull każ qabel ma jitilqu miż-żona ristretta.

Annimali mibgħuta minn żona 'l barra minn żona ristretta fi tranżitu minn żona ristretta u l-mezzi li fihom jiġu ttrasportati għandhom jiġu ttrattati b'insetticidi awtorizzati fuq il-post tat-tagħbija jew f'kull każ qabel id-dħul ġewwa ż-żona ristretta.

Meta, matul it-transitu minn ġewwa żona ristretta, ikun hemm il-ħsieb ta' perijodu ta' mistrieħ f'post ta' kontroll, l-annimali jridu jiġu protetti minn kwalunkwe attakk minn organiżmi li jġorru l-parassiti.

2. Il-kliem addizzjonali li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati ta' saħħa korrispondenti stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE, fil-każ tal-kummerċ intra-Komunitarju, jew maċ-ċertifikat ta' saħħa stabbilit fid-Deċiżjoni 93/444/KEE fejn l-annimali huma intiżi għall-esportazzjoni:

'Trattament bl-insetticida … (daħħal l-isem tal-prodott) fi … (daħħal id-data) fi … (daħħal il-ħin) b'konformità mad-Deċiżjoni 2005/393/KE.'

3. Fejn f'żona epidemjoloġikament rilevanti taż-żoni ristretti jkunu għaddew aktar minn 40 jum mid-data meta l-organiżmu ma baqax attiv, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx japplikaw aktar.

Madankollu, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li din l-eżenzjoni ma tapplikax aktar fejn abbażi tal-programm ta' sorveljanza ta' epidemiji stipulat fl-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2007/75/KE jinstab li l-attività ta' l-organiżmu fiż-żona ristretta kkonċernata reġgħet bdiet."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-21 ta' Mejju 2007

## dwar in-non-inklużjoni tal-carbaryl fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2093)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/355/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]), u b'mod partikolari r-raba' sottoparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipola li Stat Membru jista', matul perjodu ta' 12-il sena min-notifika ta' din id-Direttiva, jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi mhux elenkati fl-Anness I ta' din id-Direttiva li diġà jinsabu fis-suq sentejn wara d-data tan-notifika, filwaqt li dawk is-sustanzi jkunu qegħdin jiġu eżaminati bil-mod fil-qafas ta' programm ta' ħidma.

(2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 ([2]) u (KE) Nru 703/2001 ([3]) jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tieni stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-għan ta' l-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista tinkludi l-*carbaryl*.

(3) Għall-*carbaryl*, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent ġew ivvalutati skond id-dispożizzjonijiet stipolati mir-Regolamenti (KE) Nru 451/2000 u (KE) Nru 703/2001 għal firxa ta' użi proposti min-notifikant. Barra minn hekk, dawn ir-Regolamenti jinnominaw lill-Istati Membri li jaġixxu bħala relatur li għandhom jippreżentaw ir-rapporti ta' valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 451/2000. Għall-*carbaryl* l-Istat Membru relatur kien Spanja u kull tagħrif rilevanti tressaq fid-29 ta' April 2004.

(4) Ir-rapport ta' valutazzjoni saritlu reviżjoni *inter pares* mill-Istati Membri u l-EFSA u kien ippreżentat lill-Kummissjoni fit-12 ta' Mejju 2006 fil-format tal-Konklużjoni ta' l-EFSA fir-rigward tar-reviżjoni *inter pares* tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva *carbaryl* ([4]). Dan ir-rapport ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali u ġie ffinalizzat fid-29 ta' Settembru 2006 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-*carbaryl*.

(5) Matul il-valutazzjoni ta' din is-sustanza attiva, ġie identifikat xi tħassib. B'mod partikolari abbażi tad-*data* disponibbli ma ntweriex li l-espożizzjoni tal-konsumatur hija aċċettabbli. It-tagħrif disponibbli jindika tħassib għal metaboliti li qegħdin fl-istess livell ta' tossiċità bħas-sustanza attiva, u l-preżenza tagħhom f'livelli li jistgħu jkunu ta' tħassib tossikoloġiku ma jistgħux jiġu esklużi. Barra minn hekk hemm tħassib dwar propjetajiet potenzjalment karċinoġeniċi tas-sustanza attiva. Hemm ukoll riskju għoli għat-tul għal għasafar insettivori u riskju akut għoli għal mammiferi erbivori, riskju akut għoli u għat-tul għal organiżmi akkwatiċi u riskju għoli għal artropodi benefiċi.

(6) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikant sabiex iressaq il-kummenti tiegħu dwar ir-riżultati tar-reviżjoni *inter pares* u dwar jekk hux bi ħsiebu jkompli jappoġġja s-sustanza. In-notifikant ressaq il-kummenti tiegħu li ġew eżaminati bir-reqqa. Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa, it-tħassib imsemmi hawn fuq baqa' mhux solvut, u valutazzjonijiet li saru abbażi tat-tagħrif ippreżentat u vvalutat matul il-laqgħat esperti ta' l-EFSA ma wrewx li wieħed jista' jistenna li, fil-kondizzjonijiet ta' użu proposti, prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-*carbaryl* jissodisfaw b'mod ġenerali r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.

(7) Għalhekk il-*carbaryl* ma għandux ikun inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

([1]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/25/KE (ĠU L 106, 24.4.2007, p. 34).

([2]) ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1044/2003 (ĠU L 151, 19.6.2003, p. 32).

([3]) ĠU L 98, 7.4.2001, p. 6.

([4]) *EFSA Scientific Report* (2006) 80, 1-71, *Conclusion regarding the peer review of pesticide risk assessment of carbaryl.*

(8) Għandhom jittieħdu miżuri biex ikun żgurat li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom il-*carbaryl* jiġu rtirati fi żmien il-perjodu preskritt u ma jiġġeddux, kif ukoll biex ma tingħata l-ebda awtorizzazzjoni ġdida għal dawn il-prodotti.

(9) Kwalunkwe perjodu ta' konċessjoni mogħti minn Stat Membru għad-disponiment, il-ħażna, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-*carbaryl*, għandu jkun limitat għal perjodu ta' tnax-il xahar sabiex il-ħażniet eżistenti jkunu jistgħu jintużaw fi staġun ta' tkabbir wieħed ieħor.

(10) Din id-deċiżjoni hija bla ħsara għat-tressiq ta' applikazzjoni għall-*carbaryl* skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE fid-dawl ta' inklużjoni possibbli fl-Anness I tagħha.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-*carbaryl* ma għandux jiġi inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) awtorizzazzjonijiet għal ħarsien tal-pjanti li fihom il-*carbaryl* ikunu rtirati sal-21 ta' Novembru 2007;

(b) l-ebda awtorizzazzjoni għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-*carbaryl* ma tingħata jew tiġġedded mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti mill-Istati Membri skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi mhux aktar tard mill-21 ta' Novembru 2008.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-21 ta' Mejju 2007

## dwar in-non-inklużjoni ta' *trichlorfon* fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2096)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/356/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipula li Stat Membru jista', matul perjodu ta' tnax-il sena min-notifika ta' dik id-Direttiva, jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi mhux elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li diġà jinsabu fis-suq sentejn wara d-data tan-notifika, filwaqt li dawk is-sustanzi jkunu qegħdin jiġu eżaminati bil-mod fil-qafas ta' programm ta' ħidma.

(2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 [2] u (KE) Nru 703/2001 [3] jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tieni stadju tal-programm ta' ħidma imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati bil-ħsieb ta' l-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista tinkludi t-*trichlorfon*.

(3) Għat-*trichlorfon*, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent ġew eżaminati skond id-dispożizzjonijiet stipulati mir-Regolamenti (KE) Nru 451/2000 u (KE) Nru 703/2001 għal firxa ta' użi proposti min-notifikant. Barra minn hekk, dawk ir-regolamenti jinnominaw lill-Istati Membri *Rapporteur* li għandhom iressqu r-rapporti ta' analiżi u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 451/2000. Għat-*trichlorfon* l-Istat Membru *Rapporteur* kien Spanja u kull tagħrif rilevanti tressaq fit-23 ta' Awwissu 2004.

(4) Ir-rapport ta' analiżi saritlu reviżjoni *inter pares* mill-Istati Membri u l-EFSA fil-Grupp ta' Ħidma tagħha għall-Valutazzjoni u kien ippreżentat lill-Kummissjoni fit-12 ta' Mejju 2006 fil-format tal-Konklużjoni ta' l-EFSA firrigward tar-reviżjoni *inter pares* ta' l-analiżi tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva *trichlorfon* [4]. Dan ir-rapport ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali u ġie ffinalizzat fid-29 ta' Settembru 2006 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għat-*trichlorfon*.

(5) Minħabba nuqqas sinjifikanti ta' studji ta' sostenn, ma kienx possibbli li jintwera użu sikur tas-sustanza. Abbażi tat-tagħrif disponibbli ma kienx possibbli li titwettaq l-analiżi tar-riskju ta' l-espożizzjoni tal-konsumaturi, l-operaturi, il-ħaddiema u nies oħra preżenti. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tad-destin u l-imġiba tas-sustanza fl-ambjent kienet limitata u l-propjetajiet eko-tossikoliġiċi ma ġewx eżaminati għal kollox.

(6) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikant sabiex, fi żmien erba' ġimgħat, jippreżenta l-kummenti tiegħu dwar ir-riżultati tar-reviżjoni *inter pares* u dwar jekk kienx bi ħsiebu jappoġġja aktar is-sustanza. In-notifikant ippreżenta l-kummenti tiegħu li ġew eżaminati bir-reqqa. Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa, it-tħassib imsemmi hawn fuq baqa' mhux solvut, u l-analiżi li saru abbażi tat-tagħrif ippreżentat u vvalutat matul il-laqgħat ta' esperti ta' l-EFSA ma wrewx li wieħed jista' jistenna li, fil-kundizzjonijiet proposti ta' użu, prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom it-*trichlorfon* jissodisfaw b'mod ġenerali r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.

(7) It-*trichlorfon* ma għandhiex, għalhekk, tkun inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/25/KE (ĠU L 106, 24.4.2007, p. 34).
[2] ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1044/2003 (ĠU L 151, 19.6.2003, p. 32).
[3] ĠU L 98, 7.4.2001, p. 6.

[4] *EFSA Scientific Report* (2006) 76, 1-62, *Conclusion on the peer review of trichlorfon*.

(8) Għandhom jittieħdu miżuri biex ikun żgurat li l-awtorizzazzjonijiet li hemm fis-seħħ għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom it-*trichlorfon* jiġu rtirati fi żmien perjodu preskritt, biex dawn ma jiġġeddux, kif ukoll biex ma tingħata l-ebda awtorizzazzjoni ġdida għal dawn il-prodotti.

(9) Kwalunkwe perjodu ta' konċessjoni għar-rimi, il-ħażna, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom it-*trichlorfon* permess mill-Istati Membri, għandu jkun limitat għal perjodu mhux itwal minn tnax-il xahar biex il-ħażniet eżistenti jkunu jistgħu jintużaw f'mhux aktar minn staġun ta' tkabbir ieħor.

(10) Din id-deċizjoni ma tippreġudikax il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal *trichlorfon* skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 (2) tad-Direttiva 91/414/KEE fid-dawl ta' inklużjoni possibbli fl-Anness I tagħha.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-*trichlorfon* m'għandhiex tkun inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) Awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom it-*trichlorfon* jiġu rtirati sal-21 ta' Novembru 2007;

(b) mill-25 ta' Mejju 2007 ebda awtorizzazzjoni għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fiha t-*trichlorfon* ma tingħata jew tiġġedded skond id-deroga prevista fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE.

*Artikolu 3*

Kwalunkwe perjodu ta' konċessjoni mogħti mill-Istati Membri skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi mhux aktar tard mill-21 ta' Novembru 2008.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-22 ta' Mejju 2007

## li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-*bluetongue*

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2091)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/357/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ta' l-20 ta' Novembru 2000 li tistipula d-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-qerda tal-*bluetongue* ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2000/75/KE tistipula regoli u miżuri ta' kontroll kontra l-*bluetongue* fil-Komunità, inkluż it-twaqqif ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza u projbizzjoni li ma tippermettix li annimali jħallu dawn iż-żoni.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/393/KE tat-23 ta' Mejju 2005 dwar żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fir-rigward tal-*bluetongue* u kundizzjonijiet li japplikaw għall-movimenti minn jew f'dawn iż-żoni ([2]), tipprevedi għad-demarkazzjoni ta' żoni ġeografiċi globali fejn iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza ("iż-żoni ristretti") għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri fir-rigward tal-*bluetongue*.

(3) Wara n-notifika tat-tifqigħat ta' *bluetongue* f'nofs Awwissu u fil-bidu ta' Settembru 2006 mill-Belġju, il-Ġermanja, Franza u l-Olanda, il-Kummissjoni emendat bosta drabi d-Deċiżjoni 2005/393/KE fir-rigward tad-demarkazzjoni taż-żoni ristretti kkonċernati.

(4) Wara talba ssostanzjata ppreżentata mill-Ġermanja, huwa xieraq li d-demarkazzjoni taż-żona ristretta fil-Ġermanja tiġi emendata.

(5) Id-Deċiżjoni 2005/393/KE għandha tiġi emendata skond dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2005/393/KE hu emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

([2]) ĠU L 130, 24.5.2005, p. 22. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/227/KE (ĠU L 98, 13.4.2007, p. 23).

*ANNESS*

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2005/393/KE, il-lista taż-żoni ristretti fiż-Żona F (serotip 8) li għandha x'taqsam mal-Ġermanja għandha tinbidel b'dan li ġej:

"**Il-Ġermanja:**

*Baden-Württemberg*

Landkreis Böblingen

Landkreis Calw

Stadtkreis Baden-Baden

Landkreis Enzkreis

Landkreis Esslingen

Landkreis Freudenstadt

Landkreis Göppingen

Stadtkreis Heidelberg

Stadtkreis Heilbronn

Landkreis Heilbronn

Hohenlohekreis

Landkreis Karlsruhe

Stadtkreis Karlsruhe

Landkreis Ludwigsburg

Stadtkreis Mannheim

Main-Tauber-Kreis

Neckar-Odenwald-Kreis

Im Ortenaukreis: Achern, Appenweier, Bad Peterstal-Griesbach, Durbach, Kappelrodeck, Kehl, Lauf, Lautenbach, Neuried, Oberkirch, Offenburg, Oppenau, Ottenhöfen im Schwarzwald, Renchen, Rheinau, Sasbach, Sasbachwalden, Schutterwald, Seebach, Willstätt

Im Ostalbkreis: Abtsgmünd, Adelmannsfelden, Durlangen, Eschach, Göggingen, Gschwend, Iggingen, Jagstzell, Leinzell, Lorch, Mutlangen, Obergröningen, Rosenberg, Ruppertshofen, Schechingen, Schwäbisch Gmünd, Spraitbach, Täferrot, Waldstetten

Stadtkreis Pforzheim

Landkreis Rastatt

Rems-Murr-Kreis

Landkreis Reutlingen: Walddorfhäslach, Pliezhausen

Rhein-Neckar-Kreis

Landkreis Schwäbisch-Hall

Stadtkreis Stuttgart

Landkreis Tübingen

*Bayern*

Im Landkreis Ansbach: Adelshofen, Buch am Wald, Diebach, Gebsattel, Geslau, Insingen, Neusitz, Ohrenbach, Rothenburg ob der Tauber, Schillingsfürst, Schnelldorf, Steinsfeld, Wettringen, Windelsbach, Wörnitz

Landkreis Aschaffenburg

Stadt Aschaffenburg

Landkreis Bad Kissingen

Im Landkreis Hassberge: Gädheim, Theres

Landkreis Kitzingen ohne die Gemeinde Geiselwind

Landkreis Main-Spessart

Landkreis Miltenberg

Im Landkreis Neustadt a.d. Aisch-Bad Windsheim: Burgbernheim, Ergersheim, Gallmersgarten, Gollhofen, Hemmersheim, Ippesheim, Markt Bibart, Markt Nordheim, Oberickelsheim, Oberscheinfeld, Simmershofen, Sugenheim, Uffenheim, Weigenheim

Landkreis Rhön-Grabfeld

Landkreis Schweinfurt

Stadt Schweinfurt

Landkreis Würzburg

Stadt Würzburg

*Brandenburg*

Im Landkreis Prignitz: Besandten, Eldenburg, Wootz

*Freie Hansestadt Bremen*

Gesamtes Landesgebiet

*Freie und Hansestadt Hamburg*

Gesamtes Landesgebiet

*Hessen*

Gesamtes Landesgebiet

*Mecklenburg-Vorpommen*

Im Landkreis Ludwigslust: Belsch, Bengerstorf, Besitz, Stadt Boizenburg, Brahlstorf, Dersenow, Stadt Dömitz, Gresse, Greven, Gallin, Grebs-Niendorf, Karenz, Leussow, Stadt Lübtheen, Malk Göhren, Malliß, Neu Gülze, Neu Kaliß, Nostorf, Pritzier, Redefin, Schwanheide, Teldau, Tessin/Bzbg., Vellahn,Vielank, Warlitz

*Niedersachsen*

Gesamtes Landesgebiet

*Nordrhein-Westfalen*

Gesamtes Landesgebiet

*Rheinland-Pfalz*

Gesamtes Landesgebiet

*Saarland*

Gesamtes Landesgebiet

*Sachsen-Anhalt*

Landkreis Altmarkkreis Salzwedel

Landkreis Aschersleben-Staßfurt

Im Landkreis Bernburg: Güsten

Landkreis Bördekreis

Im Burgenlandkreis: Billroda, Bucha, Herrengosserstedt, Kahlwinkel, Lossa, Memleben, Saubach, Steinburg, Tromsdorf, Wangen, Wischroda, Wohlmirstedt

Landkreis Halberstadt

Im Landkreis Jerichower Land: Hohenwarte, Lostau

Landeshauptstadt Magdeburg

Im Kreis Mansfelder Land: Abberode, Ahlsdorf, Alterode, Annarode, Arnstedt, Benndorf, Bischofrode, Biesenrode, Bornstedt, Bräunrode, Braunschwende, Eisleben, Friesdorf, Gorenzen, Greifenhagen, Großörner, Harkerode, Helbra, Hergisdorf, Hermerode, Hettstedt, Klostermansfeld, Mansfeld, Möllendorf, Molmerswende, Osterhausen, Piskaborn, Quenstedt, Ritterode, Ritzgerode, Rothenschirmbach, Schmalzerode, Siebigerode, Stangerode, Sylda, Ulzigerode, Vatterode, Walbeck, Welbsleben, Wiederstedt, Wimmelburg, Wippra, Wolferode

Im Landkreis Merseburg-Querfurt: Farnstädt, Grockstädt, Leimbach, Querfurt, Schmon, Vitzenburg, Weißenschirmbach, Ziegelroda

Landkreis Ohre-Kreis

Landkreis Quedlinburg

Landkreis Sangerhausen

Im Landkreis Schönebeck: Atzendorf, Biere, Eickendorf, Förderstedt, Löbnitz(Bode), Schönebeck(Elbe), Welsleben

Im Landkreis Stendal: Aulosen, Badingen, Ballerstedt, Berkau, Bismark(Altmark), Boock, Bretsch, Büste, Dobberkau, Flessau, Gagel, Garlipp, Gladigau, Gollensdorf, Grassau, Groß Garz, Heiligenfelde, Hohenwulsch, Holzhausen, Insel, Käthen, Kläden, Könnigde, Kossebau, Kremkau, Krevese, Lückstedt, Lüderitz, Meßdorf, Möringen, Nahrstedt, Pollitz, Querstedt, Rochau, Rossau, Schäplitz, Schernebeck, Schinne, Schorstedt, Staats, Steinfeld, Tangerhütte, Uchtdorf, Uchtspringe, Vinzelberg, Volgfelde, Wanzer, Windberge, Wittenmoor

Landkreis Wernigerode

*Schleswig-Holstein*

Im Kreis Herzogtum Lauenburg: Alt Mölln, Aumühle, Bälau, Basedow, Basthorst, Besenthal, Börnsen, Borstorf, Breitenfelde, Bröthen, Brunstorf, Buchhorst, Büchen, Dahmker, Dalldorf, Dassendorf, Elmenhorst, Escheburg, Fitzen, Fuhlenhagen, Geesthacht, Göttin, Grabau, Grambek, Groß Pampau, Grove, Gudow, Gülzow, Güster, Hamfelde, Hamwarde, Havekost, Hohenhorn, Hornbek, Juliusburg, Kankelau, Kasseburg, Klein Pampau, Koberg, Köthel, Kollow, Kröppelshagen-Fahrendorf, Krüzen, Krukow, Kuddewörde, Langenlehsten, Lanze, Lauenburg/Elbe, Lehmrade, Linau, Lütau, Möhnsen, Mölln, Mühlenrade, Müssen, Niendorf/Stecknitz, Poggensee, Roseburg, Forstgutsbezirk Sachsenwald, Sahms, Schnakenbek, Schönberg, Schretstaken, Schulendorf, Schwarzenbek, Siebeneichen, Sirksfelde, Talkau, Tramm, Walksfelde, Wangelau, Wentorf bei Hamburg, Wentorf (Amt Sandesneben), Wiershop, Witzeeze, Wohltorf, Woltersdorf, Worth

Im Kreis Pinneberg: Appen, Barmstedt, Bevern, Bilsen, Bönningstedt, Bokholt-Hanredder, Borstel-Hohenraden, Bullenkuhlen, Ellerbek, Ellerhoop, Elmshorn, Groß Nordende, Halstenbek, Haselau, Haseldorf, Hasloh, Heede, Heidgraben, Heist, Hemdingen, Hetlingen, Holm, Klein Nordende, Klein Offenseth-Sparrieshoop, Kölln-Reisiek, Kummerfeld, Seester, Moorrege, Neuendeich, Pinneberg, Prisdorf, Quickborn, Raa-Besenbek, Rellingen, Schenefeld, Seester, Seestermühe, Seeth-Ekholt, Tangstedt, Tornesch, Uetersen, Wedel

Im Kreis Segeberg: Alveslohe, Ellerau, Henstedt-Ulzburg, Norderstedt

Im Kreis Steinburg: Altenmoor, Borsfleth, Engelbrechtsche Wildnis, Glückstadt, Herzhorn, Horst (Holstein), Kiebitzreihe, Kollmar, Neuendorf b. Elmshorn, Sommerland

Im Kreis Stormarn: Ahrensburg, Ammersbek, Bargteheide, Barsbuettel, Braak, Brunsbek, Delingsdorf, Glinde, Grande, Groenwohld, Grossensee, Grosshansdorf, Hamfelde, Hammoor, Hohenfelde, Hoisdorf, Jersbek, Koethel, Luetjensee, Oststeinbek, Rausdorf, Reinbek, Siek, Stapelfeld, Steinburg, Tangstedt, Todendorf, Trittau, Witzhave

*Thüringen*

Landkreis Eichsfeld

Stadt Eisenach

Stadt Erfurt

Landkreis Gotha

Landkreis Hildburghausen

Ilmkreis

Kyffhäuserkreis

Landkreis Nordhausen

Im Landkreis Saalfeld-Rudolstadt: Allendorf, Bad Blankenburg, Bechstedt, Dröbischau, Katzhütte, Königsee, Mellenbach-Glasbach, Meuselbach-Schwarzmühle, Oberhain, Remda-Teichel, Rottenbach, Rudolstadt, Schwarzburg

Landkreis Schmalkalden-Meiningen

Landkreis Sömmerda

Stadt Suhl

Unstrut-Hainich-Kreis

Wartburgkreis

Stadt Weimar

Landkreis Weimarer Land”

III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPT/1/2007

**tal-15 ta' Mejju 2007**

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni eventwalment possibbli ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u f'oqsma f'oħra possibbli fil-Kosovo**

(2007/358/CFSP)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 25,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/304/PESK ta' l-10 ta' April 2006 dwar l-istabbiliment ta' Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni eventwalment possibbli ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u f'oqsma f'oħra possibbli fil-Kosovo ([1]), u b' mod partikolari l-Artikolu 6(2)tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 6 ta' l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK jipprovdi sabiex il-Kunsill ikun jista' jawtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) jieħu d-deċiżjonijiet relevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat, inkluża d-deċiżjoni, fuq proposta mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli(SĠ/RGħ), li jaħtar Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo).

(2) Fit-2 ta' Mejju 2006, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUPT/Kosovo/1/2006 ([2]) li taħtar lis-Sur Casper Klynge bħala Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo).

(3) Fil-11 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/918/PESK ([3]) li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK sal-31 ta' Mejju 2007.

(4) Fit-12 ta' Diċembru 2006, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUPT/Kosovo/2/2006 ([4]) li testendi l-mandat tas-Sur Casper Klynge bħala Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) sal-31 ta' Mejju 2007.

(5) Fl-14 ta' Mejju 2007, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2007/334/PESK li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK sal-1 ta' Settembru 2007.

(6) Is-SĠ/RGħ ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Casper Klynge bħala Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) sat-tmiem tal-mandat tal-EUPT Kosovo.

(7) Għaldaqstant, il-mandat tal-Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) għandu jiġi estiż sat-tmiem tal-mandat tal-EUPT Kosovo,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Casper Klynge bħala Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni eventwalment possibbli ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u f'oqsma oħra possibbli fil-Kosovo huwa b'dan estiż sat-tmiem tal-mandat tal-EUPT Kosovo.

([1]) ĠU L 112, 26.4.2006, p. 19. Azzjoni Konġunta kif emendata l-aħħar mill-Azzjoni Azzjoni Konġunta 2007/334/PESK (ĠU L 125,15.5.2007, p. 29).
([2]) ĠU L 130, 18.5.2006, p. 42.
([3]) ĠU L 349, 12.12.2006, p. 57.
([4]) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 88.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika sat-tmiem tal-mandat tal-EUPT Kosovo.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
C. von GOETZE

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/359/PESK

## tat-23 ta' Mejju 2007

## li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Novembru 2005 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) ([1]) għal perijodu ta' 12-il xahar.

(2) Fit-13 ta' Novembru 2006 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/773/PESK, li temenda u testendi l-mandat tal-missjoni sa l-24 ta' Mejju 2007.

(3) Fil-15 u s-16 ta' Mejju 2007, kemm il-partijiet Palestinjani kif ukoll dawk Iżraeljani talbu għall-estensjoni tal-Missjoni għal 12-il xahar.

(4) Fil-21 ta' Mejju 2007, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà laqa' t-talba għall-estensjoni ta' l-EUBAM Rafah, u rrakkomanda l-estensjoni tal-mandat tal-Missjoni għal 12-il xahar.

(5) L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Is-subparagrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 13(1)

"L-ammont ta' referenza finanzjarju maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-missjoni għall-perijodu mill-25 ta' Mejju 2007 sa l-24 ta' Mejju 2008 għandu jkun EUR 7 000 000."

(2) It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16 għandu jinbidel b'li ġej:

"Għandha tiskadi fl-24 ta' Mejju 2008."

(3) L-Artikolu 17 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 17*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi riveduta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2008."

*Artikolu 2*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F.-W. STEINMEIER

([1]) ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28. Azzjoni Konġunta kif emendata mill-Azzjoni Konġunta 2006/773/PESK (ĠU L 313, 14.11.2006, p. 15).